Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B ►M1 DIRETTIVA 2001/16/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tad-19 ta' Marzu 2001 dwar l-interoperabilità tas-sistema konvenzjonali dwar ferroviji ◄

(ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Id-Direttiva 2004/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004	L 220	40	21.6.2004
►M2	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/32/KE ta' l-1 ta' Ġunju 2007	L 141	63	2.6.2007

▼B

▼M1

DIRETTIVA 2001/16/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Marzu 2001

dwar l-interoperabilità tas-sistema konvenzjonali dwar ferroviji

▼B

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 156 tat-Trattat,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjon ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]),

Billi:

(1) Biex jagħmluha possibbli biex ċittadini ta' l-Unjoni, operaturi ekonomiċi u awtoritajiet reġjonali u lokali jibbenefikaw il-massimu tal-vantaġġi li joħorġu mit-twaqqif ta' żona mingħajr fruntieri interni, huwa approprjat, b'mod partikolari, li jtejbu l-interkonnessjoni u l-interoperabilità tan-*network* ferrovjarju nazzjonali kif ukoll l-aċċess għalih, billi jiġu implimentati xi miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni teknika, kif previst fl-Artikolu 155 tat-Trattat.

(2) Bl-iffirmar tal-Protokoll adottat fi Kyoto fit-12 ta' Diċembru 1997 l-Unjoni Ewropea obbligat ruħha li tnaqqas l-emissjonijet tal-gass. Dawn l-oġġettivi jeħtieġu aġġustament fil-bilanċ bejn id-diversi modi ta' trasport, u b'hekk żieda fil-kompetittività tat-trasport ferrovjarju.

(3) L-istrateġija tal-Kunsill għall-integrazzjoni ta' l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli fil-politika tat-trasport tal-Komunità tenfasizza l-bżonn ta' azzjoni biex jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport.

(4) It-tħaddim ferrovjarju kummerċjali matul in-*network* ferrovjarju trans-Ewropew jeħtieġ b'mod partikolari kompatibilità eċċellenti bejn il-karatteristiċi ta' l-infrastruttura u dawk tar-*rolling stock*, kif ukoll interkonnessjoni effiċjenti tas-sistemi ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni ta' l-amministraturi u l-operaturi tad-diversi infrastrutturi. Il-livelli ta' l-operat, tas-sigurtà, tal-kwalità tas-servizz u l-ispejjeż jiddependu fuq din il-kompatibilità u l-interkonnessjoni, kif tiddependi wkoll, b'mod partikolari, l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

(5) Biex jintlaħqu dawn l-għanijiet għandha tittieħed miżura inizjali mill-Kunsill fit-23 ta' Lulju 1996 bl-adozzjoni tad-Direttiva 96/48/KE li tikkonċerna l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea b'veloċità għolja ([5]).

(6) Fil-*White Paper* intitolata "Strateġija għar-rivitalizzazzjoni tal-ferrovija Komunitarja" fl-1996, il-Kummissjoni ħabbret it-tieni miżura fis-settur ferrovjarju konvenzjonali u mbagħad ordnat studju fuq l-integrazzjoni tas-sistemi ferrovjarji nazzjonali, li r-

([1]) ĠU C 89 E, tat-28.3.2000, p. 1.
([2]) ĠU C 204, tat-18.7.2000, p. 13.
([3]) ĠU C 317, tas-6.11.2000, p. 22.
([4]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2000 (ĠU C 59, tat-23.2.2001, p. 106 Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta'l-10 ta' Novembru 2000 (ĠU C 23, ta' l-24.1.2001, p. 15) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2001.
([5]) ĠU L 235, tas-17.9.1996, p. 6.

▼B

riżultati tiegħu ġew ippubblikati f'Mejju 1998 bir-rakkomandazzjoni ta' l-adozzjoni tad-Direttiva bbażata fuq is-soluzzjoni adottata fis-settur tal-veloċità għolja. Dan l-istudju irrakkomanda wkoll li, iżjed milli wieħed jiffaċċja l-ostakoli għall-interoperabilità f'daqqa, il-problemi għandhom jiġu solvuti bil-mod b'ordni ta' prijorità bbażata fuq ir-relazzjoni bejn l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' kull miżura proposta. F'dan l-istudju l-armonizzazzjoni tal-proċeduri u r-regoli użati u l-interkonnessjoni ta' l-informazzjoni u s-sistemi tal-komunikazzjoni dehru li kienu aktar effettivi mill-miżuri, per eżempju, rigward il-*loading gauge* infrastrutturali.

(7) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq "L-integrazzjoni tas-sistemi konvenzjonali ferrovjarji" tirrikkomanda l-adozzjoni ta' din id-Direttiva u tiġġustifika x-xebħ u d-differenzi prinċipali meta mqabbla mad-Direttiva 96/48/KE. Id-differenzi prinċipali jinsabu fl-adattament ta' l-ambitu ġeografiku, fl-estensjoni ta' l-ambitu tekniku biex jitqiesu r-riżultati ta' l-istudju fuq imsemmi u fl-adozzjoni ta' soluzzjoni gradwali biex jiġu eliminati l-ostakoli fl-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja, li tinkludi t-twaqqif ta' ordni ta' prijoritajiet u skeda ta' żmien għat-tfassil tagħhom.

(8) In vista' tas-soluzzjoni gradwali u tal-ħin konsegwentment meħtieġ għall-adozzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità (TSIs), għandhom jittieħdu passi biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn Stati Membri jadottaw regoli nazzjonali ġodda jew jidħlu għal proġetti biex tiżdied l-eteroġeneità tas-sistema preżenti.

(9) L-adozzjoni tas-soluzzjoni gradwali tissodisfa l-ħtiġiet speċjali ta' l-oġġettiv ta' l-interoperabilità tas-sistema konvenzjonali ferrovjarja, li hi kkaratterizzata b'infrastruttura nazzjonali antika u *stock* li jeħtieġ investiment qawwi għall-adattament jew it-tiġdid, u għandha ssir kura partikolari biex il-ferroviji ma jiġux ippenalizzati ekonomikament meta mqabbla ma' modi oħra ta' trasport.

(10) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' Marzu 1999 fuq il-pakkett ferrovjarju l-Parlament talab li l-ftuħ progressiv tas-settur ferrovjarju għandu jimxi id f'id mal-miżuri ta' l-armonizzazzjoni teknika l-aktar mgħaġġlin u effettivi.

(11) Il-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tas-6 ta' Ottubru 1999 talab lill-Kummissjoni tipproponi stateġija dwar it-titjib ta' l-interoperabilità tat-trasport ferrovjarju u tnaqqas l-intoppi bil-għan li telimina l-ostakoli tekniċi, amministrattivi u ekonomiċi fl-interoperabilità tan-*network* mingħajr dewmien filwaqt li tiggarantixxi livell għoli ta' sigurtà kif ukoll taħriġ u kwalifiċi persunali.

(12) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 fuq l-iżvilupp ferrovjarju tal-Komunità ([1]), il-kumpaniji ferrovjarji għandhom ikunu żiedu l-aċċess għan-*network* ferrovjarju ta' l-Istati Membri, li mill-banda l-oħra jeħtieġ l-interoperabilità ta' l-infrastruttura, it-tagħmir, ir-*rolling stock*, u s-sistemi ta' l-amministrazzjoni u l-operat, li jinkludu dawk il-kwalifiċi tal-persunal u l-kondizzjonijiet tas-sigurtà fuq ix-xogħol meħtieġa fl-operat u l-manuntenzjoni tas-subsistemi in kwistjoni u għall-implimentazzjoni ta' kull TSI. Madanakollu, mhux l-għan ta' din id-Direttiva, direttamnet jew indirettament, li tarmonizza l-kondizzjonijiet tax-xogħol fis-settur ferrovjarju.

(13) L-Istati Membri huma responsabbli biex jassiguraw il-konformità mar-regoli tas-sigurtà, tas-saħħa u tal-protezzjoni tal-konsumatur li jgħoddu għan-*network* ferrovjarju in ġenerali waqt l-iddisinjar, il-kostruzzjoni, id-dħul fis-servizz u l-operazzjoni ta' dawk il-ferroviji.

(14) Hemm differenzi kbar fir-regolamenti nazzjonali u r-regoli interni u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li l-ferroviji japplikaw, billi dawn

([1]) ĠU L 237, ta' l-24.8.1991, p. 25.

▼B

jinkorporaw tekniċi li huma speċifiċi għall-industriji nazzjonali u jippeskrivu dimensjonijiet u apparati speċifiċi kif ukoll karatteristiċi speċjali. Din is-sitwazzjoni żżomm il-ferroviji milli jkunu kapaċi jimxu mingħajr xkiel minn naħa għal oħra matul in-*network* Komunitarju.

(15) Matul is-snin din is-sitwazzjoni ħolqot rabtiet mill-viċin bejn l-industriji ferrovjarji nazzjonali u l-ferroviji nazzjonali, għad-detriment tal-ftuh ġenwin tas-swieq. Biex tiżdied il-kompetittività tagħhom fuq livell globali, dawn l-industriji jeħtieġu suq Ewropew, miftuħ u kompetittiv.

(16) Hu għalhekk approprjat li wieħed jiddefinixxi l-ħtiġiet essenzjali bażiċi għall-Komunità kollha li għandhom jgħoddu għas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

(17) In vista' tal-kobor u l-komplessità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, ġie ppruvat li huwa meħtieġ, għal raġunijiet prattiċi, li din tinqasam f'subsistemi. Għal kull waħda minn dawn is-subsistemi, il-ħtiġiet essenzjali għandhom jiġu speċifikati u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jiġu determinati għall-Komunità kollha, partikolarment fir-rigward tal-kostitwenti u l-konġunzjonijiet, biex dawn il-ħtiġiet essenzjali jintlaħqu.

(18) L-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea konvenzjonali m'għandhiex toħloq xkiel li mhux ġustifikat f'termini ta' spejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji għall-priservazzjoni tan-*network* ferrovjarju eżistenti ta' kull Stat Membru, għandhom jaraw li jżommu l-oġġetiv ta' l-interoperabilità.

(19) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoparabilità għandhom impatt ukoll fuq il-kondizzjonijiet għall-użu tat-trasport ferrovjarju mill-utenti, u huwa għalhekk meħtieġ li dawn l-utenti jiġu kkonsultati fuq aspetti li jikkonċernawhom.

(20) Kull Stat Membru kkonċernat għandu jitħalla ma japplikax ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità f'każijiet speċjali, dejjem jekk ikun hemm proċeduri biex jassiguraw li dawn id-derogi jkunu ġustifikati. L-Artikolu 155 tat-Trattat jeħtieġ li attivitajiet Komunitarji fil-qasam ta' l-interoperabilità jqisu l-vijabilità ekonomika potenzjali tal-proġetti.

(21) It-tfassil tat-TSIs u l-applikazzjoni tagħhom fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali m'għandhomx jimpedixxu l-innovazzjoni teknoloġika, li għandha tkun immirata lejn titjib fil-mod ta' kif joperaw ekonomikament.

(22) Għandu jittieħed vantaġġ mill-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali, partikolarment fil-każ tal-merkanzija, biex iseħħu l-kondizzjonijiet għal interoperabilità akbar bejn il-modi tat-trasport.

(23) Biex jikkonformaw mad-disposizzjonijiet approprjati dwar il-proċeduri tax-xiri fis-settur ferrovjarju u b'mod partikolari d-Direttiva 93/38/KEE ([1]), il-partijiet kontraenti għandhom jinkludu tekniċi speċifiċi fid-dokumenti ġenerali jew fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet għal kull kuntratt. Għal dan il-għan huwa meħtieġ li jinbena korp ta' speċifikazzjonijiet Ewropej biex iservu bħala referenzi għal dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

(24) Sistema internazzjonali ta' standardizzazzjoni li tkun kapaċi tiġġenera *standards* li attwalment jintużaw minn dawk involuti fil-kummerċ internazzjonali u li jilħqu l-ħtiġiet tal-politika Komunitarja għandhom ikunu fl-interess tal-Komunità. Il-korpi Ewropej

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE ta'l-14 ta' Ġunju 1993li tikkoordina l-proċeduri tax-xiri tal-korpi li joperaw fis-setturi ta'l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU L 199, tad-9.8.1993, p. 84). Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/4/KE (ĠU L 101, ta' l-1.4.1998, p. 1).

▼B

għall-istandardizzazzjoni għandhom għalhekk jissoktaw il-kooperazzjoni tagħhom mal-korpi internazzjonali għall-istandardizazzjoni.

(25) Il-korpi kontraenti għandhom jiddefinixxu l-ħtiġiet ulterjuri meħtieġa biex ilestu l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej jew *standards* oħra. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jilħqu l-ħtiġiet essenzjali li ġew armonizzati fil-livell Komunitarju u li s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandha tissodisfa.

(26) Il-proċeduri li jirregolaw l-istima tal-konformità jew dwar l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti għandhom jiġu bbażati fuq l-użu ta' moduli koperti mid-Deċiżjoni Nru 93/465/KEE ([1]). Safejn ikun possibbli u biex jiġi promoss l-iżvilupp industrijali, huwa approprjat li jitfasslu l-proċeduri li jinvolvu sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità.

(27) Il-konformità tal-kostitwenti hi l-aktar marbuta mal-qasam ta' l-użu tagħhom biex tiġi ggarantita l-interoperabilità tas-sistema u mhux biss għall-moviment ħieles tagħhom fis-suq Komunitarju. L-idoneità għall-użu tal-kostitwenti l-iżjed kritiċi fir-rigward tas-sigurtà, id-disponibilità jew is-sistema ekonomika għandha tiġi stmata. Huwa għalhekk mhux meħtieġ li fabbrikant iwaħħal it-tikketta KE ma' kostitwenti li issa huma soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Fuq il-bażi ta' l-stima dwar il-konformità u/jew l-idoneità għall-użu, id-dikjarazzjoni tal-fabbrikant għandha tkun biżżejjed.

(28) Dik ma taffetwax l-obbligu fuq il-fabbrikanti li jwaħħlu t-tikketta KE fuq ċerti komponenti biex jiċċertifikaw il-konformità tagħhom ma' disposizzjonijiet oħra relatati magħhom.

(29) Is-subsistemi li jikkostitwixxu s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' verifika. Din il-verifika għandha tagħmilha possibbli li l-awtoritajiet responsabbli għall-awtorizzazzjoni rigward id-dħul tagħhom fis-servizz biex dawn ikunu ċerti li, waqt l-istadji meta dawn jiġu ddisinjati, mibnija u mdaħħla fis-servizz, ir-riżultat ikun konformi mar-regolamenti u d-disposizzjonijiet tekniċi u operazzjonali li jkunu fis-seħħ. Din għandha wkoll tagħmilha possibbli biex il-fabbrikanti jkunu jistgħu joqogħdu fuq l-ugwaljanza fit-trattament ikun xi jkun il-pajjiż. Huwa għalhekk meħtieġ jiġi stabbilit modulu li jiddefinixxi l-prinċipji u l-kondizzjonijiet li jgħoddu għall-verifika tas-subsistemi "KE".

(30) Il-proċedura tal-verifika "KE" għandha tkun ibbażata fuq it-TSIs. Dawn it-TSIs huma soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 18 tad-Direttiva 93/38/KEE. Il-korpi notifikati responsabbli biex jeżaminaw il-proċeduri dwar il-konformità fl-istima u l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti, flimkien mal-proċedura għall-istima tas-subsistemi għandhom, b'mod partikolari fl-assenza ta' xi speċifikazzjoni Ewropea, jikkordinaw id-deċiżjonijiet tagħhom mill-qrib kemm jista' jkun.

(31) Dawn it-TSIs huma mfasslin skond l-ordni tal-Kummissjoni tal-korp konġunt li jirrappreżenta lill-amministraturi ta' l-infrastruttura, lill-kumpaniji ferrovjarji u lill-industrija. Ir-rappreżentanti ta' pajjiżi li ma jkunux membri, b'mod partikolari dawk tal-pajjiżi applikanti, jistgħu mill-bidunett jiġu awtorizzati biex jattendu laqgħat tal-korp konġunt rappreżentattiv bħala osservaturi.

(32) Id-Direttiva 91/440/KEE teħtieġ separazzjoni ta' l-attivitajiet, f'termini ta' kontijiet, bejn l-operat tas-servizz tat-trasport u l-amministrazzjoni ta' l-infrastruttura ferrovjarja. Minħabba f'dan il-fatt,

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta'Lulju 1993 rigward il-moduli għad-diversi fażijiet tal-proċeduri ta'l-istima tal-konformità u r-regoli għat-twaħħil u l-użu tal-marki KE dwar il-konformità, li huma maħsuba biex jintużaw fid-direttivi ta'l-armonizzazzjoni teknika (ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 23).

▼B

is-servizzi speċjalizzati previsti mill-amministraturi ta' l-infrastruttura ferrovjarja nominati bħala korpi notifikati għandhom jiġu strutturati b'tali mod li jilħqu l-kriterji li għandhom jgħoddu għal dan it-tip ta' korp. Korpi speċjalizzati oħra jistgħu jiġu notifikati meta dawn jilħqu l-istess kriterji.

(33) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 99/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċizzju ta' l-implimentazzjoni tal-poteri mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(34) L-interoperabilità fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea testendi fil-kobor tagħha mal-Komunità kollha. Ebda Stat Membru individwali m'hu f'pożizzjoni li jieħu l-azzjoni li hemm bżonn biex jilħaq din l-interoperabilità. Skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-objettivi ta' l-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk minħabba l-kobor jew l-effetti ta' l-azzjoni proposta jintlaħqu aħjar mill-Komunità,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

▼M1

1. Din id-Direttiva tibda biex tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li għandhom jitħarsu biex tinkiseb l-interoperabilità fi ħdan it-territorju Komunitarju tas-sistema konvenzjonali trans-Ewropea dwar ferroviji, kif deskritt fl-Anness I Dawn il-kondizzjonijiet jikkonċernaw id-disinn, kostruzzjoni, tqegħid fis-servizz, titjib ta' kwalità, tiġdid, tħaddim u manutenzjoni ta' partijiet ta' din is-sistema mqiegħda fis-servizz wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, kif ukoll il-kwalifiki professjonali u l-kondizzjonijiet tas-saħħa u sigurtà tal-persunal li jikkontribwixxu għat-tħaddim u l-manutenzjoni tagħha.

2. L-insegwiment ta' dan il-għan għandu jwassal għat-tifsira ta' l-aħjar livell ta' armonizzazzjoni teknika u jagħmilha possibbli li:

▼B

(a) tiffaċilita, ittejjeb u tiżviluppa servizzi internazzjonali ta' trasport bil-ferrovija fl-Unjoni Ewropea u ma' pajjiżi terzi;

(b) tikkontribwixxi għall-ħolqien progressiv tas-suq intern fit-tagħmir u s-servizzi għall-kostruzzjoni, it-tiġdid, l-immodernizzar u l-operat tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea;

(ċ) tikkontribwixxi għall-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

▼M1

3. L-iskop ta' din id-Direttiva għandu jitwessa' progressivament għas-sistema konvenzjonali kollha dwar ferroviji, inkluż l-aċċess ta' binarji għal terminali u faċilitajiet ewlenin tal-portijiet li jaqdu jew li għandhom il-potenzal li jaqdu aktar minn utent wieħed, ħlief għall-infrastruttura jew materjal mobbli riservati għal użu strettament lokali, storiku jew turistiku jew infrastruttura li tkun funzjonalment maqtugħa mill-kumplament tas-sistema ta' ferroviji, u bla ħsara għad-derogi dwar l-applikazzjoni ta' TSIs kif elenkati fl-Artikolu 7.

Din id-Direttiva għandha tiġi applikata għall-partijiet tan-*network* li għadhom mhumiex koperti mill-paragrafu 1 biss mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-TSIs korrispondenti li għandhom jiġu adottati skond il-proċe-

([1]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

▼M1

dura deskritta hawn taħt u għall-oqsma ta' applikazzjoni preskritti minnhom.

Il-Kummissjoni għandha tadotta, bil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2 (1), sa l-1 ta' Jannar 2006 programm ta' xogħol bl-għan ta' żvilupp ta' TSIs ġodda u/jew ir-reviżjoni ta' TSIs ġa adottati bil-ħsieb li jkopru l-linji u materjal mobbli li jkunu għadhom mhumiex koperti.

Dan il-programm ta' xogħol ikun jindika l-ewwel grupp ta' TSIs u/jew emendi għat-TSIs li għandhom jiġu żviluppati sa Jannar 2009, bla ħsara għall-Artikolu 5(5) dwar il-possibiltà li jipprovdu għal każi speċifiċi u bla ħsara għall-Artikolu 7 li jippermetti għal derogi f'ċirkostanzi speċjali. L-għażla tas-suġġetti li għandhom ikunu koperti minn TSIs tkun bażata fuq dak li wieħed jistenna bħala benefiċċji għal dak li jintefaq dwar kull miżura proposta u fuq il-prinċipju ta' proporzjonalità ta' miżuri meħuda f'livell ta' Komunità. Għal dan il-għan, għandha tingħata konsiderazzjoni xierqa għall-Anness I punt 4 u l-bilanċ meħtieġ bejn, min naħa l-waħda, l-għanijiet ta' moviment mhux interrott ta' treni u ta' armonizzazzjoni teknika, u, min-naħa l-oħra, il-livel ta' traffiku trans-Ewropew, nazzjonali, reġjonali jew lokali li jkun qed jiġi kkonsidrat.

Wara l-iżvilupp ta' dan l-ewwel grupp ta' TSIs, l-identifikazzjoni tal-prijoritajiet għall-iżvilupp ta' TSIs ġodda jew ir-reviżjoni ta' TSIs eżistenti tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2).

Stat Membru m'għandux bżonn japplika dan il-paragrafu fil-każ ta' proġetti fi stat avvanzat ta' żvilupp jew li jkunu suġġetti għal xi kuntratt li jkun qed jitwettaq meta l-grupp rilevanti ta' TSIs ikunu qed jiġu pubblikati.

▼B

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "sistema ferrovjarja Ewropea konvenzjonali": tfisser l-istruttura, kif deskritta fl-Anness I, komposta minn linji u stallazzjonjiiet fissi, tan-*network* tat-trasport trans-Ewropew, mibni jew immodernizzat għat-trasport ferrovjarju konvenzjonali u t-trasport ferrovjarju kombinat, b'żieda tar-*rolling stock* iddisinjat biex jivvjaġġa fuq dik l-infrastruttura;

(b) "interoperabilità": tfisser l-abilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea li tippermetti l-moviment bla periklu u interruzzjoni ta' treni li jilħqu l-livelli meħtieġa fl-operat ta' dawn il-linji. Din l-abbilità tiddependi mill-kondizzjonijet regolatorji, tekniċi operattivi kollha li għandhom jintlaħqu biex jiġu koperti l-ħtiġiet essenzjali;

(ċ) "subsistemi": tfisser ir-riżultat tad-diviżjoni tas-sistema konvenzjonali trans-Ewropea, kif tidher fl-Anness II. Dawn is-subsistemi, li għalihom għandhom jiġu stabbiliti l-ħtiġiet essenzjali, huma strutturali u funzjonali;

(d) "kostitwenti ta' l-interoperabilità": tfisser kwalunkwe komponent elementari, grupp ta' komponenti, binja parzjali jew binja sħiħa ta' tagħmir inkorporat jew intiż biex jiġi inkorporat fis-subsistema li fuqha l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjoanli trans-Ewropea tiddependi direttament jew indirettament. Il-konċett ta' "kostitwent" ikopri kemm oġġetti tanġibbli kif ukoll oġġetti intanġibbli bħal *software*;

(e) "ħtiġiet essenzjali": tfisser il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Anness III li għandhom jintlaħqu mis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, mis-subsistemi u mill-kostitwenti ta' l-interoperabilità inklużi l-konġunzjonijiet;

(f) "Speċifikazzjoni Ewropea": tfisser speċifikazzjoni teknika komuni, approvazzjoni teknika Ewropea jew *standard* nazzjonali li jisposta

▼B

standard Ewropew, kif definit fil-punti 8 sa 12 ta' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 93/38/KEE;

(g) "Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità": , minn issa 'l quddiem imsejħa TSI's tfisser l-ispeċifikazzjonijiet li bihom subsistema jew parti minn subsisstema tkun koperta biex tilħaq il-ħtiġiet essenzjali u biex tassigura l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea;

▼M1

———————

▼B

(i) "korpi notifikati": tfisser il-korpi li jkunu responsabbli biex jagħmlu stima tal-konformità jew ta' l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti ta' l-interoperabilità jew biex jivvalutaw il-proċedura "KE" għall-verifika tas-subsistemi;

(j) "parametri bażiċi": tfisser kwalunkwe kondizzjoni regolatorja, teknika jew operattiva li tkun essenzjali għall-interoperabilità u li tkun teħtieġ deċiżjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2) qabel kwalunkwe żvilupp ta' abozzi ta' TSIs mill-korp rappreżentattiv konġunt;

(k) "każ speċifiku": tfisser kwalunkwe parti mis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea li jkollha bżonn disposizzjonijiet speċjali fit-TSIs, jew temporanji inkella definittivi, minħabba l-limitazzjonijiet ġeografiċi, topografiċi jew ta' l-ambjent urban jew minħabba dawk li jeffettwaw il-kompatibilità mas-sistema eżistenti. Dawn jistgħu jinkludu b'mod partikolari linji ferrovjarji u *networks* isolati mill-bqija tal-Komunità, il-*loading gauge*, it-*track gauge* jew l-ispazju bejn il-linji u r-*rolling stock* strettament intiż għall-użu lokali, reġjonali jew storiku, kif ukoll ir-*rolling stock* li joriġina minn jew li jkun iddestinat għal pajjiżi terzi, sakemm dan l-i*stock* ma jaqsamx il-fruntiera bejn żewġ Stati Membri;

▼M1

(l) "titjib": fil-kwalità tfisser xogħol ta' tibdil sostanzjali f'subsistema jew parti ta' subsistema li jtejjeb il-funzjonament ġenerali tas-subsistema;

(m) "tiġdid": tfisser kull xogħol ta' tibdil sostanzjali f'subsistemi jew f'partijiet ta' subsistemi li ma jibdilx il-funzjonament ġenerali tas-subsistema;

▼B

(n) "sistema ferrovjarja eżistenti": tfisser kwalunkwe struttura magħmula minn linji jew stallazzjonijiet fissi ta' sistema ferrovjarja eżistenti flimkiem mar-*rolling stock* għall-kategoriji u l-oriġini kollha li jivvjaġġaw fuq dik l-infrastruttura;

▼M1

(o) "tibdil fil-qafas ta' manutenzjoni": tfisser kull tibdil ta' komponenti b'biċċiet oħra li jiffunzjonaw l-istess fil-qafas ta' manutenzjoni preventiva jew korrettiva;

(p) "tqegħid fis-servizz": tfisser ix-xogħolijiet kollha li bihom is-subsistema tiġi taħdem skond kif ġiet iddisinjata.

▼B

Artikolu 3

1. Din id-Direttiva tgħodd għad-disposizzjonijiet li jikkonċernaw, għal kull subsistema, il-kostitwenti ta' l-interoperabilità, il-konġunzjonijiet u l-proċeduri kif ukoll il-kondizzjonijiet tal-kompatibilità globali tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea meħtieġa biex tinkiseb l-interoperabilità tagħha.

2. Id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jgħoddu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni Komunitarja rile-

▼B

vanti oħra. Madanakollu, fil-każ tal-kostitwenti ta' l-interoperabilità, inklużi l-konġunzjonijiet, il-konformità mal-ħtiġiet essenzjali ta' din id-Direttiva jistgħu jeħtieġu l-użu ta' speċifikazzjonijiet Ewropej individwali magħmula għal dak l-iskop.

Artikolu 4

1. Is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, is-subsistemi u l-kostitwenti ta' l-interoperabilità inklużi l-konġunzjonijiet għandhom jilħqu l-ħtiġiet rilevanti essenzjali.

2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ulterjuri msemmija fl-Artikolu 18(4) tad-Direttiva 93/38/KEE li huma meħtieġa biex jikkompletaw l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej jew *standards* oħrajn li jintużaw fil-Komunità m'għandhomx ikunu konfliġġenti mal-ħtiġiet essenzjali.

KAPITOLU II

Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità (*TSIs*)

Artikolu 5

▼M1

1. Kull waħda mis-subsistemi għandha tkun koperta minn TSI. Meta meħtieġ, subsistema tista' tkun koperta minn diversi TSIs u TSI waħda tista' tkopri diversi subsistemi. Id-deċiżjoni biex tiġi żviluppata u/jew riveduta TSI u l-għażla ta' l-iskop tekniku u ġeografiku tagħha teħtieġ mandat skond l-Artikolu 6(1).

▼B

2. Is-subsistemi għandhom jikkonformaw mat-TSIs; din il-konformità għandha tinżamm permanentement sakemm kull subsistema tkun tintuża.

3. Sakemm ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1, kull TSI għandu:

(a) jindika l-iskop intiż (il-parti min-*network* jew mir-*rolling stock* imsemmija fl-Anness I: subsistema jew parti minn subsistema msemmija fl-Anness II);

(b) jistabbilixxi disposizzjonijiet essenzjali għal kull subsistema konċernata u l-konġunzjonijiet tagħha rigward is-subsistemi l-oħra;

(ċ) jistabbilixxi speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi li għandhom jintlaħqu mis-subsistema u l-konġunzjonijiet tagħha fir-rigward tas-subsistemi l-oħra. Jekk ikun hemm il-bżonn, dawn l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jvarjaw skond l-użu tas-subsistema, per eżempju skond il-kategoriji tal-linja, tal-*hub* u/jew tar-*rolling stock* kif previst fl-Anness I;

(d) jistabbilixxi l-kostitwenti ta' l-interoperabilità u l-konġunzjonijiet li għandhom jiġu koperti mill-ispeċifikazzjonijiet, inklużi l-i*standards* Ewropej, li huma meħtieġa biex jakkwistaw l-interoperabilità fis-sistema ferrovjarja trans-Ewropea;

▼M1

(e) niżżel, f'kull każ taħt konsiderazzjoni, liema proċeduri għandhom jiġu użati biex tkun tista' tiġi stmata l-konformità jew l-adattabilità dwar l-użu tal-kostitwenti ta' interoperabilità, min-naħa l-waħda, jew il-verifika tal-KE tas-subsistemi, min-naħa l-oħra. Dawn il-proċeduri għandhom ikunu bażati fuq il-moduli mfissra fid-Deċiżjoni Nru 93/465/KEE;

▼B

(f) jindika l-istrateġija għall-implimentazzjoni tat-TSIs. B'mod partikolari, huwa meħtieġ li wieħed jispeċifika l-istadji li għandhom jitwettqu biex issir transizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti

▼B

għas-sitwazzjoni finali li fiha l-konformità mat-TSIs għandha tkun in-norma;

(g) jindika, għall-persunal konċernati, il-kwalifiċi professjonali u l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa u s-sigurtà fix-xogħol għall-operat u l-manutenzjoni tas-subsistema ta' hawn fuq, kif ukoll għall-implimentazzjoni tat-TSIs.

4. Kull TSI għandha ssir fuq il-bażi ta' eżami tas-subsistema eżistenti u tindika bħala mira subsistema li tista' tinkiseb gradwalment f'perjodu ta' żmien raġonevoli. B'daqshekk, l-adozzjoni gradwali tat-TSIs u l-konformità magħhom għandha tgħin gradwalment biex tinkiseb l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

5. It-TSIs għandhom iżommu, b'manjiera approprjata, il-kompatibilità tas-sistema ferrovjarja eżistenti ta' kull Stat Membru. B'dan il-għan, tista' ssir dispożizzjoni għal każijiet speċifiċi ta'kull sett ta' TSIs, fir-rigward kemm ta' l-infrastruttura kif ukoll tar-*rolling stock*; attenzjoni speċjali għandha tingħata lil kull *loading gauge*, lit-*track gauge* jew lill-ispazju ta' bejn il-binarji u l-vaguni li jkunu ġejjin minn jew sejrin lejn pajjiżi terzi. Għal kull każ speċifiku, it-TSIs jistipulaw regoli għall-implimentazzjoni ta' l-elementi tat-TSIs indikati fil-paragrafi 3(ċ) sa (g).

6. It-TSIs m'għandhomx ikunu ta' xkiel għad-deċiżjonijiet mill-Istati Membri rigward l-użu ta' l-infrastruttura għall-moviment tar-*rolling stock* mhux kopert mit-TSIs.

▼M1

7. TSIs jistgħu jagħmlu referenza espliċita u identifikata biċ-ċar għal standards jew speċifikazzjonijiet Ewropej meta dan ikun għal kollox meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva. F'dan il-każ, l-istandards jew speċifikazzjonijiet Ewropej (jew il-partijiet rilevanti) għandhom jitqiesu bħala annessi tat-TSI konċernat u jsiru obbligatorji mill-mument li t-TSI tkun applikabbli. Fin-nuqqas ta' standards jew speċifikazzjonijet Ewropej u sakemm dawn jiġu żviluppati, tista' ssir referenza għal dokumenti oħra normattivi identifikati biċ-ċar; f'dan il-każ, dan għandu jikkonċerna dokumenti li jkunu faċilment aċċessibbli u li jappartjenu għall-pubbliku.

Artikolu 6

1. Abbozzi ta' TSIs u emendi sussegwenti għat-TSIs għandhom jiġu abbozzati b'mandat mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2). Għandhom ikunu abbozzati taħt ir-responsabbilt ta' l-Aġenzija, skond l-Artikoli 3 u 12 tar-Regolament (KE)Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi aġenzija Ewropea dwar ferroviji (Regolament ta' l-Aġenzija) ([1]) u b'koperazzjoni mal-gruppi tax-xogħol imsemmija f'dawk l-Artikoli.

TSIs għandhom jiġu adottati u riveduti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2). Għandhom ikunu pubblikati mill-Kummissjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

2. L-Aġenzija għandha tkun responsabbli għat-tħejjija tar-reviżjoni u l-aġġornar ta' TSIs u biex tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 biex jitqiesu l-iżviluppi fit-teknoloġija jew ħtiġijiet soċjali.

3. Kull abbozz ta' TSI għandu jitfassal f'żewġ stadji.

L-ewwelnett, l-Aġenzija trid tidentifika l-parametri bażiċi għat-TSI kif ukoll l-*interfaces* mas-subsistemi l-oħra u kull każ ieħor speċifiku li jkun hemm bżonn. Is-soluzzjonijiet alternattivi l-aktar vijabbli flimkien ma ġustifikazzjoni teknika u ekonomika għandhom jitressqu għal kull wieħed minn dawn il-parametri u *interfaces*. Għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2); jekk meħtieġ, għandhom jissemmew każi speċifiċi.

([1]) ĠU L 164, 30.04.2004, p. 1.

▼M1

L-Aġenzija mbagħad trid tħejji l-abbozz tat-TSI fuq il-bażi ta' dawn il-parametri bażiċi. Meta approprjat, l-Aġenzija trid tieħu nota tal-progress tekniku, tax-xogħol dwar standardizzazzjoni ġa mwettaq, ta' gruppi tax-xogħol li ġa bdew jaħdmu u ta' xogħol ta' riċerka ġa magħruf. Stima ġenerali ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija dwar l-implimentazzjoni tat-TSIs għandha tiġi mehmuża ma' l-abbozz tat-TSI; din l-istima trid tindika l-impatt mistenni għall-operaturi u l-aġenti ekonomiċi involuti.

4. L-abbozzar, adozzjoni u reviżjoni ta' kull TSI (inklużi l-parametri bażiċi) għandhom iqisu l-ispejjeż u l-benefiċċji stmati għas-soluzzjonijiet tekniċi kkonsidrati, flimkien ma' l-*interfaces* ta' bejniethom, biex hekk ikunu jistgħu jiġu stabbiliti u implimentati l-aktar soluzzjonijiet vijabbli. L-Istati Membri għandhom jieħdu sehem f'din l-istima billi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa.

5. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 irid jinżamm regolarment infurmat bix-xogħol preparatorju għat-TSIs. Matul dan ix-xogħol il-Kumitat jista' jifformola kull termini ta' referenza jew rakkomandazzjonijiet utli dwar il-ħsieb tat-TSIs u l-analiżi dwar il-benefiċċji meta mqabbla ma' l-ispejjeż. B'mod partikolari, il-Kumitat jista', fuq talba ta' Stat Membru, jitlob li jiġu eżaminati soluzzjonijiet alternattivi u li l-istima ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' dawn is-soluzzjonijiet alternattivi titniżżel fir-rapport mehmuż ma' l-abbozz tat-TSI.

6. Malli kull TSI jiġi adottat, id-dħul fis-seħħ ta' dak it-TSI għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2). Meta subsistemi differenti iridu jitqiegħdu fis-servizz f'daqqa għal raġunijiet ta' kompatibbilt teknika, id-dati tad-dħul fis-seħħ tat-TSIs korrispondenti għandhom ikunu l-istess.

7. L-abbozzar, adozzjoni u reviżjoni tat-TSIs għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-opinjonijiet ta' l-utenti, f'dak li għandu x'jaqsam ma' karatteristiċi li jkollhom impatt dirett fuq il-kondizzjonijiet li bihom jużaw is-subsistemi. Għal dak il-għan, l-Aġenzija għandha tikkonsulta l-assoċjazzjonijiet u korpi li jirrappreżentaw lill-utenti waqt il-fażijiet ta' l-abbozzar u r-reviżjoni tat-TSIs. Ma' l-abbozz għandhom jinkludu rapport dwar ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni.

Il-lista ta' assoċjazzjonijiet u korpi li għandhom jiġu konsultati għandha tiġi finalizzata mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 qabel jadotta l-mandat ta' l-ewwel TSI u tista' terġgħa tiġi eżaminata u aġġornata fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni.

8. L-abbozzar, adozzjoni u reviżjoni tat-TSIs għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-opinjoni tas-sieħba soċjali fir-rigward tal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(3)(g).

Għal dan il-għan, is-sieħba soċjali għandhom ikunu konsultati qabel jintbgħat l-abbozz tat-TSI, għal adozzjoni jew reviżjoni, lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21.

Is-sieħba soċjali għandhom jiġu kkonsultati fil-kuntest tal-Kumitat dwar Djalogu Settorali stabbilit skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE ([1]). Is-sieħba soċjali għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom fi żmien tliet xhur.

▼B

Artikolu 7

Stat Membru m'għandux għalfejn japplika TSI wieħed jew aktar, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mar-*rolling stock*, fil-każijiet u ċ-ċirkostanzi li ġejjin:

▼M1

(a) għal linja proposta ġdida, għat-tiġdid jew titjib fil-kwalità ta' linja eżidtanti, jew għal kull element imsemmi fl-Artikolu 1(1) li jkun fi

([1]) ĠU L 225, 12.8.1998, p. 27.

▼M1

stat ta' żvilupp avvanzat jew is-suġġett ta' kuntratt li jkun qed jitwettaq meta dawn it-TSIs jiġu pubblikati;

▼B

(b) għal kwalunkwe proġett li jikkonċerna t-tiġdid jew l-immodernizzar ta' linja eżistenti meta l-*loading gaug*e, it-*track gauge*, l-ispazju bejn il-binarji, jew il-voltaġġ elettrifikat f'dawn it-*TSIs* ma jkunx kompatibbli ma' dawk tal-linja eżistenti;

(ċ) għal linja ġdida proposta jew għal tiġdid jew l-immodernizzar propost ta' linja eżistenti fit-territorju ta' Stat Membru meta *n-network* ferrovjarja tkun separata jew isolata bil-baħar min-*network* ferrovjarja tal-bqija tal-Komunità;

(d) għal kwalunkwe tiġdid, estensjoni jew immodernizzar ta' linja eżistenti, meta l-applikazzjoni ta' dawn it-TSIs tkun tikkomprometti l-vijabilità ekonomika tal-proġett u/jew il-kompatibilità tas-sistema ferrovjarja fl-Istat Membru;

(e) meta, wara inċident jew diżastru naturali, il-kondizzjonijiet tar-restawrazzjoni mgħaġġla tan-*network* ma tippermettix ekonomikament jew teknikament l-applikazzjoni parzjali jew totali tat-TSIs rilevanti;

(f) għal vaguni li jkunu ġejjin jew sejrin lejn pajjiżi terzi li t-*track gauge* tagħhom ikun differenti minn dik tan-*network* prinċipali tal-Komunità.

Fil-każijiet kollha l-Istat Membru konċernat għandu joħroġ avviż bil-quddiem dwar l-intenzjoni tiegħu għal deroga lill-Kummissjoni u għandu jibgħatha f'fajl li jispjega t-TSIs jew il-partijiet tat-TSIs li hu ma jkunx jixtieq li jiġu applikati kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet korrispondenti li hu ma jkunx jixtieq li jiġu applikati. Il-Kumitat previst fl-Artikolu 21 għandu janalizza l-miżuri maħsuba mill-Istat Membru. Fil-każijiet (b), (d) u (f), il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni skond il-proċedura fl-Artikolu 21(2). Meta meħtieġ, għandha ssir rakkomandazzjoni rigward l-ispeċifikazzjonijiet li għandhom jiġu applikati. Madanakollu, fil-każ ta' (b) id-deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tkopri l-*loading gauge* u t-*track gauge*.

KAPITOLU III

Kostitwenti ta' l-interoperabilità

Artikolu 8

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jassiguraw dawk il-kostitwenti ta' l-interoperabilità:

(a) jiddaħħlu fis-suq biss jekk huma jagħmluha possibbli biex l-interoperabilità tintlaħaq fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea filwaqt li fl-istess ħin jintlaħqu l-ħtiġiet essenzjali;

(b) jintużaw fil-qasam ta' l-użu tagħhom kif maħsuba u jiġu stallati u ssirilhom manutenzjoni b'mod adattat.

Dawn id-disposizzjonijiet m'għandhomx ikunu ta' xkiel għat-tqegħid fis-suq ta' dawn il-kostitwenti għal applikazzjonijiet oħra.

Artikolu 9

L-Istati Membri ma jistgħux, fit-territorju tagħhom u għal raġunijiet li jikkonċernaw din id-Direttiva, jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu t-tqegħid fis-suq tal-kostitwenti ta' l-interoperabilità għall-użu tas-sistema tan-*network* ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea meta dawn jikkonformaw ma' din id-Direttiva. B'mod partikolari, huma ma jistgħux jeħtieġu verifiki li jkunu diġà saru bħala parti mill-proċedura tad-dikja-

▼B

razzjoni tal-“KE” dwar il-konformità jew l-idoneità għall-użu, li l-komponenti tagħhom huma spjegati fl-Anness IV.

Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jikkonsidraw bħala li jkunu konformi mal-ħtiġiet essenzjali ta' din id-Direttiva waqt li jgħoddu għalihom dawk il-kostitwenti ta' l-interoperabilità li jkollhom id-dikjarazzjoni “KE” dwar il-konformità jew l-idoneità għall-użu.

▼M1

2. Il-kostitwenti kollha ta' interoperabilità għandhom ikunu suġġetti għall-proċedura li tassessja l-konformità u l-adattabilità ta' l-użu indikat fit-TSI rispettiv u għandu jkun hemm magħhom iċ-ċertifikat korrispondenti.

3. L-Istati Membri għandhom jikkonsidraw li kostitwent ta' inoperabilità jissodisfa l-ħtiġijiet essenzali jekk ikun iħares il-kondizzjonijiet preskritti fit-TSI korrispondenti jew l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej korrispondenti żviluppati biex ikunu konformi ma' dawn il-kondizzjonijiet.

_____

▼B

6. Meta speċifikazzjoni Ewropea tkun għadha m'hix disponibbli fiżżmien ta' l-adozzjoni tat-TSI u l-konformità ma' din l-ispeċifikazzjoni tkun prekondizzjoni essenzjali biex tiggarantixxi l-interoperabilità, it-TSI tista' tirreferi għall-verżjoni disponibbli l-aktar avvanzata ta' l-abbozz ta' l-ispeċifikazzjoni Ewropea li għandha titħares jew li tkun tinkorpora dak l-abozz kollu jew parti minnu.

▼M1

Artikolu 11

Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jkun jidhrilhom li l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej użati direttament jew indirettament biex jinkisbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva ma' jissodisfawx il-ħtiġijiet essenzali, jista' jiġi deċiż l-irtirar totali jew parzjali ta' l-ispeċifikazzjonijiet konċernati mill-pubblikazzjonijiet li jkunu fihom, jew l-emendi tagħhom, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 21(2) wara konsultazzjoni mal-kumitat stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE.

▼B

Artikolu 12

1. Meta Stat Membru jsib li l-kostitwent ta' l-interoperabilità kopert bid-dikjarazzjoni “KE” dwar il-konformità jew l-idoneità għall-użu li jkun tpoġġa fis-suq ikun improbabbli, meta jintuża kif intiż, biex jilħaq il-ħtiġiet essenzjali, dan għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jirrestrinġi l-qasam ta' l-applikazzjoni tiegħu, jipprojbixxi l-użu tiegħu jew jirtirah mis-suq. L-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda u jagħtu r-raġunijet għad-deċiżjoni tiegħu, waqt li jgħidu b'mod partikolari jekk in-nuqqas fil-konformità jkunx dovut għal:

(a) nuqqas li jintlaħqu l-ħtiġiet essenzjali;

(b) applikazzjoni skorretta ta' l-ispeċifikazjonijiet Ewropej fejn l-applikazzjoni ta' dawn l-ispeċifikazzjonijiet ikunu joqogħdu fuqha;

(ċ) inadegwatezza ta' l-ispeċifikazzjonijiet Ewropej.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet konċernati malajr kemm jista' jkun. Meta, wara dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-miżura tkun ġustifikata hija għandha mill-ewwel tinforma lill-Istat Membru li ħa l-inizjattiva kif ukoll lill-Istati Membri l-oħra b'dan. Meta, wara dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni tistabbilixxi li l-miżura ma tkunx ġustfikata din għandha tinforma mill-ewwel

▼B

lill-Istat Membru li ħa l-inizjattiva u lill-fabbrikant jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità bihom. Meta deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun ġustifikata bl-eżistenza ta' lakuna fl-ispeċifikazzjonijiet Ewropej, il-proċedura definita fl-Artikolu 11 għandha tgħodd.

3. Meta kostitwent ta' l-interoperabilità li jkollu d-dikjarazzjoni "KE" tal-konformità jonqos milli jikkonforma, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħu l-miżuri approprjati kontra min ikun fassal id-dikjarazzjoni u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri jinżammu infurmati bl-andament u r-riżultati ta' dik il-proċedura.

Artikolu 13

1. Biex tiġi stabbilità d-dikjarazzjoni "KE" dwar il-konformità jew l-idoneità għall-użu tal-kostitwent ta' l-interoperabilità, il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu japplika d-disposizzjonijet stabbiliti mit-TSIs rilevanti.

2. L-istima tal-konformità jew l-idoneità għall-użu ta' kostitwent ta' l-interoperabilità għandha ssir mill-korp innotifikat li għandu l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jkun ressaq l-applikazzjoni.

3. Meta l-kostitwenti ta' l-interoperabilità jkunu soġġetti għal direttivi oħra tal-Komunità li jkopru aspetti oħra, id-dikjarazzjoni "KE" tal-konformità jew l-idoneità għall-użu għandha, f'każijiet bħal dawn, tgħid li l-kostitwenti ta' l-interoperabilità jilħqu wkoll il-ħtiġiet ta' dawk id-direttivi l-oħra.

4. Meta la l-fabbrikant u lanqas ir-rappreżentant tiegħu stabbilit fil-Komunità ma jkun laħaq l-obbligazjonijiet li joħorġu mill-paragrafi 1, 2 u 3, dawk l-obbligazzjonijet għandhom jaqgħu fuq kwalunkwe persuna li jqiegħed fis-suq kostitwenti ta' l-interoperabilità. L-istess obbligazzjonijet għandhom jgħoddu għal kull min jimmonta kostitwenti ta' l-interoperabilità jew kostitwenti ta' partijiet ta' l-interoperabilità li jkollhom diversi oriġini jew li jiffabbrika kostitwenti ta' l-interoperabilità għall-użu tiegħu, għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

5. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12:

(a) f'kull każ meta Stat Membru jsib li dikjarazzjoni "KE" tal-konformità ma tkunx ġiet mimlija tajjeb, il-fabbrikant jew ir-rappreżentat awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità għandu jiġi mġiegħel jirritorna l-kostitwent ta' l-interoperabilità għal stat ta' konformità u li jtemm il-ksur taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minn dak l-Istat Membru;

(b) meta nuqqas ta' konformità jippersisti, l-Istat Membru għandu jieħu l-passi approprjati biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi it-tqegħid fis-suq tal-kostitwent ta' l-interoperabilità in kwistjoni, jew jassigura li dan jiġi rtirat mis-suq skond il-proċeduri previsti fl-Artikolu 12.

KAPITOLU IV

Subsistemi

Artikolu 14

1. Kull Stat Membru għandu jawtorizza d-dħul fis-servizz ta' dawk is-subsistemi strutturali li jikkostitwixxu s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea li jinsabu, jew li joperaw, fit-territorju tiegħu.

Għal dan il-għan, Stati Membri għandhom jieħdu l-passi approprjati biex jassiguraw li dawn is-subsistemi jkunu jistgħu jidħlu fis-servizz biss jekk jiġu ddisinjati, mibnija jew stallati b'tali mod li jilħqu l-ħtiġiet

▼B

li jikkonċernawhom meta jiġu integrati fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea. B'mod partikolari, huma għandhom jiċċekkjaw il-kompatibilità ta' dawn is-subsistemi mas-sistema li fiha jkunu qed jiġu integrati.

2. Kull Stat Membru għandu jiċċekkja meta dawn jiddaħħlu fis-servizz u f'intervalli regolari wara dan, li dawk is-subsistemi jiġu operati u miżmuma skond il-ħtiġiet essenzjali li jkollhom.

▼M1

Għal dak il-għan, għandhom jiġu wżati l-proċeduri għall-istima u l-verifika preskritti fit-TSIs strutturali u funzjonali rispettivi.

3. Fil-każ ta' tiġdid jew titjib fil-kwalità, l-amministratur ta' l-infrastruttura jew l-impriża tal-ferroviji għandu jibgħat lill-Istat Membru konċernat inkartament li jiddeskrivi l-proġetti. L-Istat Membru għandu jeżamina dan l-inkartament u, waqt li jikkonsidra l-istrateġija ta' implimentazzjoni indikata fit-TSI applikabbli, għandu jiddeċiedi jekk id-daqs tax-xogħolijiet ifissirx li hemm bżonn ta' awtorizzazzjoni ġdida għal tqegħid fis-servizz fis-sens ta' din id-Direttiva.

Awtorizzazzjoni ġdida bħal din għal tqegħid fis-servizz tkun meħtieġa kull darba li s-sigurtà ġenerali tas-subsistema konċernata tista' tiġi affettwata mix-xogħolijiet maħsuba. Jekk ikun hemm ħtieġa ta' awtorizzazzjoni ġdida, l-Istat Membru għandu jiddeċiedi sa fejn ikun hemm il-ħtieġa li tiġi applikata t-TSI għall-proġett. L-Istat Membru għandu javża lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bid-deċiżjoni tiegħu.

4. Meta Stati Membri jawtorizzaw it-tqegħid fis-servizz ta' materjal mobbli, għandhom ikunu responsabbli li jiżguraw li kodiċi ta' identifikazzjoni numerika tiġi assenjata lil kull vettura. Din il-kodiċi għandha tkun immarkata fuq kull vettura u tiddaħħal f'reġistru nazzjonali tal-vetturi li jkun iħares dawn il-kriterji:

(a) ir-reġistru għandu jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet komuni mfissra fil-paragrafu 5;

(b) ir-reġistru għandu jkun miżmum u aġġornat minn korp li jkun indipendenti minn kull impriża tal-ferroviji;

(ċ) ir-reġistru għandu jkun aċċessibbli għall-awtoritajiet tas-sigurtà u korpi investigattivi indikati fl-Artikoli 16 u 21 tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar sigurtà fil-ferroviji tal-Komunità (Direttiva dwar Sigurtà fil-Ferroviji) ([1]). Għandha wkoll tkun aċċessibbli, bi tweġiba għal kull talba leġittima, għall-korpi regolatorji indikati fl-Artikolu 30 tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' l-infrastruttura tal-ferroviji u l-ħlas ta' imposti għall-użu ta' l-infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni ta' sigurtà ([2]), lill-Aġenzija, lill-impriżi tal-ferroviji u lill-amministraturi ta' l-infrastruttura.

Fil-każ ta' materjal mobbli mqiegħed fis-servizz għall-ewwel darba f'pajjiż terz, l-Istati Membri jistgħu jaċċettaw vetturi identifikati biċċar skond sistema ta' kodiċi differenti Madankollu, darba li Stat Membru jkun awtorizza t-tqegħid fis-servizz ta' vetturi bħal dawn fit-territorju tiegħu, għandu jkun possibbli li l-informazzjoni korrispondenti, elenkata hawn taħt fil-paragrafu 5(ċ), (d) u (e), tinġieb lura permezz tar-reġistru.

5. L-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2), fuq il-bażi ta' l-abbozzi ta' l-ispeċifikazzjonijiet imħejjija mill-Aġenzija. Dawn l-abbozzi ta' speċifikazzjonijiet għandhom jinkludu: kontenut, format ta' l-informazzjoni, arkitettura funzjonali u teknika, mod tat-tħaddim, regoli dwar l-*input* u konsultazzjoni. Ir-reġistru għandu jkun fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

([1]) ĠU L 164, 30.04.2004, p. 44.
([2]) ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29 Direttiva kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/844/KE (ĠU L 289, 26.10.2002, p. 30).

▼M1

(a) referenzi għad-dikjarazzjoni tal-KE dwar verifika u l-korp li jkun għamel il-verifika;

(b) referenzi għar-reġistru tal-materjal mobbli msemmi fl-Artikolu 24;

(ċ) identifikazzjoni tas-sid tal-vettura jew ta' min qed jikriha;

(d) xi restrizzjonijiet dwar l-użu tal-vettura;

(e) informazzjoni kruċjali dwar sigurtà fir-rigward ta' skeda ta' manutenzjoni tal-vettura.

▼B

Artikolu 15

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 19, l-Istati Membri ma jistgħux, fit-territorju tagħhom u għal raġunijet li jirrigwardaw din id-Direttiva, jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu l-kostruzzjoni, id-dħul fis-servizz u l-operat tas-subsistemi strutturali li jikkostitwixxu s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea li tilħaq il-ħtiġiet essenzjali. B'mod partikolari, huma jistgħu ma jkunux jiħtieġu verifiki li jkunu diġà twettqu bħala parti mill-proċedura li twassal għad-dikjarazzjoni tal-verifika "KE", li l-komponenti tagħha jkunu stabbiliti fl-Anness V.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom iqisu bħala li jkunu interoperabbli u li jilħqu l-ħtiġiet essenzjali tagħhom, dawk is-subsistemi strutturali li jikkostitwixxu s-sistema ferrovjarja trans-Ewropea konvenzjonali li jkunu koperti bid-dikjarazzjoni tal-verifika "KE".

2. Il-verifika ta' l-interoperabilità, skond il-ħtiġiet essenzjali, ta' subsistema strutturali li tikkostitwixxi s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandha tiġi stabbilita b'referenza għat-TSIs fejn dawn ikunu jeżistu.

▼M1

3. Fin-nuqqas ta' TSIs, u inklużi każi meta deroga tkun ġiet notifikata skond l-Artikolu 7, Stati Membri għandhom jibagħtu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, għal kull subsistema, lista tar-regoli tekniċi fl-użu biex jiġu implimentati l-ħtiġijiet essenzali. Dan għandu jkun notifikat qabel it-30 ta' April 2005 u wara dik id-data, kull darba li tinbidel il-lista tar-regoli tekniċi. F'dik l-okkażjoni, l-Istati Membri għandhom jinnominaw il-korpi responsabbli għat-twettiq, fil-każ ta' dawn ir-regolamenti tekniċi, tal-proċedura ta' verifika msemmija fl-Artikolu 18.

▼B

Artikolu 17

Meta jkun jidher li t-TSIs ma jilħqux għal kollox il-ħtiġiet essenzjali il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 jista' jiġi kkonsultat fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

▼M1

F'każ bħal dan, it-TSIs għandhom jiġu riveduti skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(2). Jekk xi aspetti tekniċi li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet essenzali ma jistgħux jiġu koperti espliċitament b'TSI, għandhom ikunu identifikati biċ-ċar f'Anness tat-TSI. L-Artikolu 16(3) għandu japplika għal dawn l-aspetti.

▼B

Artikolu 18

1. Biex tistabbilixxi d-dikjarazzjoni tal-verifika "KE", l-entità li tixtri jew ir-rappreżentant uffiċjali tagħha għandha tistieden lill-korp notifikat

▼B

li hi tkun għażlet għal dak l-iskop biex japplika l-proċedura tal-verifika "KE" msemmija fl-Anness VI.

2. Ix-xogħol tal-korp notifikat responsabbli għall-verifika "KE" tas-subsistema għandu jibda fl-istadju tad-disinn u jkopri l-perjodu tal-fabbrikazzjoni kollu sa l-istadju ta' l-aċċettazzjoni qabel is-subsistema tiddaħħal fis-servizz. Dan għandu jkopri wkoll il-verifika tal-konġunzjonijiet tas-subsistema in kwistjoni mas-sistema li fiha tkun inkorporata, ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli fit-TSI rilevanti u fir-reġistri previsti fl-Artikolu 24.

3. Il-korp notifikat għandu jkun responsabbli għall-ġbir tal-fajl tekniku li għandu jmur mad-dikjarazzjoni tal-verifika "KE". Dan il-fajl tekniku għandu jkollu fih id-dokumenti kollha meħtieġa li għandhom x'jaqsmu mal-karatteristiċi tas-subsistema u, fejn ikun approprjat, id-dokumenti kollha li jiċċertifikaw il-konformità tal-kostitwenti ta' l-interoperabilità. Dan għandu jkollu fih ukoll l-elementi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kondizzjonijet u l-limiti ta' l-użu u ma' l-istruzzjonijiet rigward is-servizz, il-monitoraġġ kostanti jew ta' rutina, l-aġġustament u l-manutenzjoni.

Artikolu 19

1. Meta Stat Membru jsib li subsistema stutturali koperta b'dikjarazzjoni tal-verifika "KE" akkompanjata bil-fajl tekniku ma tkunx tikkonforma kompletament ma' din id-Direttiva u b'mod partikolari ma tilħaqx il-ħtiġiet essenzjali, dan jista' jitlob biex isiru verifiki addizzjonali.

2. L-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu jinforma mill-ewwel lill-Kummissjoni bi kwalunkwe verifiki addizzjonali mitluba u jistabbilixxi r-raġunijiet biex jissostanzja il-għala. Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 21 (2).

KAPITOLU V

Korpi notifikati

Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-korpi responsabbli għat-twettiq tal-proċedura ta' stima tal-konformità jew l-idoneità għall-użu imsemmi fl-Artikolu 13 u l-proċedura tal-verifika msemmija fl-Artikolu 18, waqt li jindikaw il-qasam tar-responsabbiltà ta' kull korp responsabbli, u n-numri ta' l-identifikazzjoni miksuba bil-quddiem mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* il-lista tal-korpi, in-numri ta' l-identifikazzjoni u l-oqsma tar-responsabbiltà, u din għandha żżomm il-lista aġġornata.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterji previsti fl-Anness VII għall-istima tal-korpi li għandhom jiġu notifikati. Il-korpi li jilħqu l-kriterji ta' l-istima prevista fl-i*standards* Ewropej rilevanti għandhom jitqiesu li jilħqu l-kriterji msemmija.

3. Stat Membru għandu jirtira l-approvazzjoni minn korp li ma jkunx għadu jilħaq il-kriterji msemmija fl-Anness VII. Dan għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

4. Jekk Stat Membru jew il-Kummissjoni jidhrilha li korp notifikat minn Stat Membru ieħor ma jkunx jilħaq il-kriterji rilevanti, il-kwistjoni għandha titressaq quddiem il-Kumitat previst fl-Artikolu 21, li għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fi żmien tliet xhur. Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru in kwistjoni bi kwalunkwe tibdil meħtieġ biex il-korp notifikat ikun jista' jżomm l-istatus mogħti lilu.

▼M1

5. Il-Kummissjoni għandha toħloq grupp ta' kordinazzjoni ta' korpi notifikati (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-grupp ta' kordinazzjoni) li għandu jiddiskuti kull suġġett dwar l-applikazzjoni tal-proċeduri biex jiġu assessjati l-konformità u l-adattabilità għall-użu msemmija fl-Artikolu 18, jew dwar l-applikazzjoni tat-TSIs rilevanti. Ir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri jistgħu jieħdu sehem fix-xogħol tal-grupp ta' kordinazzjoni bħala osservaturi.

Il-Kummissjoni u l-osservaturi għandhom jinfurmaw lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 21 bix-xogħol imwettaq fil-qafas ta' dan il-grupp ta' kordinazzjoni. Il-Kummissjoni, meta xieraq, għandha tipproponi l-miżuri meħtieġa biex jinstab rimedju għall-problemi.

Meta meħtieġ, il-kordinazzjoni tal-korpi notifikati għandha tiġi implimentata skond l-Artikolu 21.

▼B

KAPITOLU VI

Kumitat u l-programm ta' ħidma

Artikolu 21

1. Il-Kummisjsoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 21 tad-Direttiva 96/48/KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat").

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jgħoddu, waqt li jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tal-proċedura tiegħu.

▼M1

4. Jekk jinħass il-bżonn, il-Kumitat jista' joħloq gruppi tax-xogħol biex jgħinuh fit-twettiq tax-xogħol tiegħu, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu kordinati l-korpi notifikati.

Artikolu 21a

Il-Kummissjoni tista' tibgħat lill-Kumitat kull kwistjoni relatata ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Jekk meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta rakkomandazzjoni ta' implimentazzjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2).

Artikolu 21b

L-Annessi II sa VI jistgħu jiġu emendati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2).

▼B

Artikolu 22

La darba din id-Direttiva tidħol fis-seħħ, il-Kumitat jista' jiddiskuti kwalunkwe kwistjoni li għandha x'taqsam ma' l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, inklużi l-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-interoperabilità bejn is-sistema ferrovjarja trans-Ewropea u s-sistema ferrovjarja ta' pajjiżi terzi.

▼M1

Artikolu 23

1. L-ordni ta' prijorità għall-adozzjoni tat-TSIs għandha tkun kif ġej, bla ħsara għall-ordni ta' prijorità tal-mandati previsti fl-Artikolu 6(1):

▼M1

(a) l-ewwel grupp ta' TSIs għandu jkopri kontroll/kmand u sinjalar; applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi ta' ġarr ta' merkanzija; tħaddim u maniġġjar ta' traffiku (inklużi kwalifiki tal-persunal għal servizzi ta' bejn il-fruntieri li jirrispettaw il-kriterji mfissra fl-Annessi II u III); vaguni għall-ġarr ta' merkanzija; problemi ta' ħsejjes li jkunu ġejjin minn materjal mobbli u l-infrastruttura. Dwar materjal mobbli, dak maħsub għal użu internazzjonali għandu jiġi żviluppat l-ewwel;

(b) l-aspetti li ġejjin għandhom jiġu diskussi wkoll fid-dawl tar-riżorsi tal-Kummissjoni u ta' l-Aġenzija: applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri, manutenzjoni, b'mod partikolari fejn tidħol sigurtà, vaguni tal-passiġġieri, unitajiet u lokomotivi tal-ġibda, infrastruttura, enerġija u tinġis ta' l-arja. Dwar materjal mobbli, dak maħsub għal użu internazzjonali għandu jiġi żviluppat l-ewwel;

(ċ) fuq talba tal-Kummissjoni, ta' Stat Membru jew ta' l-Aġenzija, il-Kumitat jista' jiddeċiedi, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21 (2), li jfassal TSI għal suġġett addizzjonali sa fejn dan jikkonċerna subsistema msemmija fl-Anness II.

2. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21(2), għandha tfassal programm ta' xogħol li josserva l-ordni ta' prijorità msemmija fil-paragrafu 1 u dik tax-xogħolijiet l-oħra mogħtija lilha b'din id-Direttiva.

It-TSIs imsemmija fl-ewwel programm ta' xogħol imsemmi fil-paragrafu 1 (a) għandhom jiġu mfassla mhux aktar tard mill-20 ta' April 2004.

3. Il-programm tax-xogħol għandu jkun jikkonsisti f'żewġ stadji:

(a) żvilupp fuq il-bażi ta' abbozz stabbilit mill-Aġenzija ta' arkitettura rappreżentattiva tas-sistema konvenzjonali ta' ferroviji, bażat fuq il-lista ta' subsistemi (Anness II), biex tkun garantita l-konsistenza bejn it-TSIs. Din l-arkitettura trid tinkludi b'mod partikolari l-kostitwenti diversi ta' din is-sistema u l-*interfaces* tagħhom u taġixxi ta' qafas ta' referenza biex jiġu definiti ż-żoni ta' użu ta' kull TSI;

(b) adozzjoni ta' struttura ta' mudell għall-iżvilupp ta' TSIs

(ċ) adozzjoni ta' metodu ta' analiżi ta' benefiċċji mqabbla ma' l-ispejjeż tas-soluzzjonijiet imniżżla fit-TSIs;

(d) adozzjoni tal-mandati meħtieġa biex jitfasslu t-TSIs;

(e) adozzjoni tal-parametri bażiċi għal kull TSI;

(f) approvazzjoni ta' abbozzi ta' programmi dwar standardizzazzjoni;

(g) amministrazzjoni tal-perjodu transitorju ta' bejn id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2004/50/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE dwar l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea ta' ferroviji b'veloċità kbira u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema konvenzjonali trans-Ewropea ta' ferroviji u l-pubblikazzjoni tat-TSIs, inkluża l-adozzjoni tas-sistema ta' referenzi msemmija fl-Artikolu 25.

▼B

KAPITOLU VII

Reġistri ta' l-infrastruttura u r-*rolling stock*

Artikolu 24

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri ta' l-infrastruttura u r-*rolling stock* jiġu ppublikati u aġġornati ta' kull sena. Dawn ir-reġistri għandhom jindikaw il-fatturi prinċipali ta' kull subsistema jew

([1]) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 114

▼B

kull subsistema parzjali involuta (e.g. il-parametri bażiċi) u l-korrelazzjoni tagħhom mal-fatturi stabbiliti mit-TSIs applikabbli. Għal dak il-għan, kull TSI għandha tindika b'mod preċiż li informazzjoni għandha tkun inkluża fir-reġistri ta' l-infrastruttura u r-*rolling stock*.

▼M1

2. Kopja ta' dawk ir-reġistri għandha tintbgħat lill-Istati Membri konċernati u lill-Aġenzija u għandha tkun disponibbli għal konsultazzjoni mill-partijiet interessati, inklużi mill-inqas l-atturi professjonali tas-settur.

▼B

KAPITOLU VIII

Disposizzjonijiet transitorji

Artikolu 25

▼M1

1. L-Aġenzija għandha tiżviluppa, skond l-Artikoli 3 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni notifikata mill-Istati Membri skond l-Artikolu 16(3), mid-dokumenti tekniċi tal-profesjoni u t-testi tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti, abbozz ta' sistema ta' referenzi ta' regoli tekniċi li tiżgura l-grad eżistenti ta' interoperabilità tal-linji u l-materjal mobbli li jridu jiddaħħlu fl-ambitu ta' din id-Direttiva kif imfisser fl-Artikolu 1(3). Il-Kummissjoni, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 21(2), għandha teżamina dan l-abbozz u tiddeċiedi jekk jistax jikkostitwixxi sistema ta' referenzi sakemm jiġu adottati t-TSIs.

▼B

2. Wara l-adozzjoni tas-sistema ta' referenza hawn fuq msemmija, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kumitat bl-intenzjoni tagħhom biex jadottaw kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali jew dwar l-iżvilupp ta' kwalunkwe proġett fit-territorju tagħhom li jvarja mis-sistema tar-referenza.

KAPITOLU IX

Disposizzjonijiet finali

Artikolu 26

Kwalunkwe deċiżjoni meħuda skond din id-Direttiva rigward l-istima tal-konformità jew l-idoneità għall-użu tal-kostitwenti ta' l-interoperabilità, il-verifika tas-subsistemi li jikkostitwixxu s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea u kwalunkwe dispożizzjoni meħuda skond l-Artikoli 11, 12, 17 u 19 għandha tistabbilixxi fid-dettall ir-raġunijet li fuqhom tkun ibbażata. Din għandha tiġi notifikata malajr kemm ista' jkun lill-parti konċernata, flimkien ma' indikazzjoni tar-rimedji disponibbli taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat fil-limiti taż-żmien permess għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 27

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi li hemm bżonn biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-20 ta' April 2003, bl-eċċezzjoni tad-disposizzjonijiet speċifiċi għal kull TSI li għandhom jiġu implimentati skond l-arranġamenti speċifiċi għal kull TSI. Dawn għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kumissjoni dwarhom.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, huma għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza

▼B

fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mil-Istati Membri

Artikolu 28

Kull sentejn, u għall-ewwel darba fl-20 ta' April 2005 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun sar biex tinkiseb l-interoperabilità tas-sistema trans-Ewropea ferrovjarja konvenzjonali. Dak ir-rapport għandu jinkludi analiżi tal-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 7.

Il-korp rappreżentattiv konġunt għandu jiżviluppa u regolarment jaġġorna għodda kapaċi li tipprovdi, fuq talba ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni, skeda tal-livell ta' l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea. Din l-għodda għandha tuża l-informazzjoni disponibbli fir-reġistri previsti fl-Artikolu 24.

Artikolu 29

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 30

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

ANNESS I

IS-SISTEMA KONVENZJONALI TRANS-EWROPEA TAL-FERROVIJI

1. INFRASTRUTTURA

L-infrastruttura tas-sistema konvenzjonali trans-Ewropea tal-ferroviji tkun dik fuq il-linji tan-*network* trans-Ewropew għat-trasport identifikata fid-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 1996 dwar linji ta' gwida tal-Komunità għall-iżvilupp tan-*network* trans-Ewropew tat-trasport ([1]) jew elenkata f'xi aġġornament ta' l-istess Deċiżjoni b'riżultat tar-reviżjoni prevista fl-Artikolu 21 ta' dik id-Deċiżjoni.

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, dan in-*newtork* jista' jiġi subdiviż fil-kategoriji li ġejjin:

— linji maħsuba għal servizzi għal passiġġieri;

— linji maħsuba għal traffiku mħallat (passiġġieri u ġarr ta' merkanzija);

— linji magħmula speċjalment jew imtejba fil-kwalità għal servizzi ta' ġarr ta' merkanzija;

— ċentri għal passiġġieri;

— ċentri għal ġarr ta' merkanzija, inklużi terminali intermodali;

— linji li jgħaqqdu l-elementi msemmija hawn fuq

Din l–infrastruttura tinkludi sistemi ta' amministrazzjoni, moviment u navigazzjoni tat-traffiku,: stallazzjonijiet tekniċi għal proċessar ta' informazzjoni u telekomunikazzjoni maħsuba għal servizzi fuq distanzi twal għal passiġġieri u ġarr ta' merkanzija fin-*network* biex jiggarantixxu t-tħaddim bla periklu u armonjuż tan-*network* u l-amministrazzjoni effiċjenti tat-traffiku.

2. MATERJAL MOBBLI

Il-materjal mobbli ikun jikkonsisti fil-materjal kollu li probabbilment ser jivvjaġġa fuq in-*network* konvenzjonali trans-Ewropew tal-ferroviji kollu jew parti minnu, inklużi:

— treni termali jew elettriċi li jimbuttaw lilhom infushom;

— unitajiet termali jew elettriċi tal-ġbid;

— vaguni tal-passiġġieri;

— vaguni għall-ġarr tal-merkanzija, inkluż materjal mobbli maħsub għall-ġarr tal-*lorries*

Tagħmir mobbli għal bini u l-manutenzjoni ta' infrastruttura tal-ferroviji hu inkluż iżda mhuwiex l-ewwel prijorità.

Kull waħda minn dawn il-kategoriji hi subdiviża fi:

— materjal mobbli għal użu internazzjonali;

— materjal mobbli għal użu nazzjonali.

3. KOMPATIBBILTÀ TAS-SISTEMA KONVENZJONALI TRANS-EWROPEA TAL-FERROVIJI

Il-kwalità ta' servizzi tal-ferroviji fl-Ewropa tiddependi, fost affarijiet oħra, fuq kompatibbilt eċċellenti bejn il-karatteristiċi ta' l-infrastruttura (fl-aktar sens wiesgħa, jiġifieri l-partijiet fissi tas-subsistemi kollha konċernati) u dawk tal-materjal mobbli (inklużi l-komponenti ta' fuq il-post tas-subsistemi kollha konċernati. Livelli ta' prestazzjoni, sigurtà, kwalità ta' servizz u spejjeż jiddependu minn dik il-kompatibbiltà.

([1]) ĠU L 228, 09.09.1996, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 1346/2001/KE (ĠU L 185, 6.7.2001, p. 1).

▼M1

4. ESTENSJONI TA' L-ISKOP

1. Subkategoriji ta' linji u materjal mobbli

Biex ikun hemm aktar interoperabilità li toħloq benefiċċji adegwati meta mqabbla ma' l-infiq li jsir, aktar subkategoriji ta' linji u materjal mobbli msemmija f'dan l-Anness għandhom, meta meħtieġ, jiġu żviluppati. Jekk meħtieġ, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi msemmija fl-Artikolu 5 (3) jistgħu ivarjaw skond is-subkategorija.

2. Protezzjoni għal dak li jintefaq

L-analiżi dwar il-benefiċċji meta mqabbla ma' dak li jintefaq tal-miżuri proposti għandha tikkonsidra, fost affarijiet oħra, dan li ġej:

— kemm tkun tiswa l-miżura proposta,

— tnaqqis ta' nfiq kapitali u spejjeż oħra minħabba ekonomiji konnessi mal-volum u użu aħjar tal-materjal mobbli,

— tnaqqis min-nefqa fuq investiment u spejjeż ta' manutenzjoni/operatorji minħabba żjieda fil-kompetizzjoni bejn il-fabbrikanti u l-kumpanniji ta' manutenzjoni,

— benefiċċji ambjentali, minħabba titjib tekniku fis-sistema tal-ferroviji,

— sigurtà akbar fl-operazzjoni

Barra dan, din l-istima ser tindika l-impatt mistenni għall-operaturi u aġenti ekonomiċi kollha involuti.

▼B

ANNESS II

SUBSISTEMI

1. LISTA TA' SUBSISTEMI

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, is-sistema li tikkostitwixxi s-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea tista' tinqasam fiż-żewġ subsistemi li ġejjin, jew:

(a) iż-żoni strutturali:

— l-infrastruttura;

— l-enerġija;

— il-kontroll u l-iggwidar u sinjalazzjoni;

— l-operat u l-immaniġġar tat-traffiku;

— ir-*rolling stocks*; jew

(b) iż-żoni operattivi:

— il-manutenzjoni;

— l-applikazzjonijet telematiċi għas-servizzi tal-passiġġieri u l-merkanzija.

2. DESKRIZZJONI TAS-SUBSISTEMI

Għal kull subsistema jew parti minn subsistema, il-lista ta' kostitwenti u l-aspetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interoperabilità tiġi proposta mill-korp rappreżentattiv konġunt meta jsir l-abbozz tat-TSI rilevanti.

Mingħajr ma tippreġudika l-għażla ta' l-aspetti u l-kostitwenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-interoperabilità jew l-ordni li biha huma jkunu sa jiġu soġġetti għat-TSIs, is-subsistemi inklużi, b'mod partikolari:

2.1. **L-infrastruttura:**

Il-binarji, il-punti, l-istrutturi ta' l-inġinerija (il-pontijiet, il-mini, eċċ) l-infrastruttura assoċjata ma' l-istazzjon (il-pjattaformi, iż-żoni ta' l-aċċess, inluži l-bżonnijet ta' persuni b'mobilità ridotta, eċċ), is-sigurtà u t-tagħmir protettiv.

2.2. **L-enerġija:**

Is-sistema ta' l-elettrifikazzjoni, il-linji fl-ajru u l-kolletturi tal-kurrenti.

2.3. **Il-kontroll u l-iggwidar u sinjalazzjoni:**

It-tagħmir kollu meħtieġ biex jassigura s-sigurtà u biex jikkmanda u l-movimenti ferrovjarji awtorizzati biex jivvjaġġaw fuq ir-*network*.

2.4. **Tħaddim u mmaniġġjar tat-traffiku:**

Il-proċeduri u t-tagħmir relatat li jgħin it-tħaddim koerenti tad-diversi strutturi tas-subsistemi, kemm matul it-tħaddim normali jew imnaqqas, inklużi b'mod partikolari is-sewqan tal-ferrovija, l-ippjanar u l-immaniġġjar tat-traffiku.

Il-kwalifiċi professjonali li jistgħu jkunu meħtieġa biex isiru servizzi transkonfinanti.

2.5. **L-applikazzjonijiet telematiċi:**

Skond l-Anness I, din is-subsistema tikkonsisti f'żewġ elementi:

(a) l-applikazzjonijiet tas-servizzi għall-passiġġieri, inklużi s-sistemi li jipprovdu l-informazzjoni lill-passiġġieri qabel u matul il-vjaġġ, is-sistemi tal-prenotazzjoni u l-ħlas, l-immaniġġar tal-bagalji u l-immaniġġar tal-konnessjonijiet bejn il-ferroviji u l-modi l-oħra tat-trasport;

(b) l-applikazzjonijiet għas-servizzi tal-merkanzija, inklużi s-sistemi ta' l-informazzjoni (monitoraġġ tal-merkanzija u l-ferroviji fil-ħin reali) is-sistemi tat-tlaqqigħ u l-allokazzjoni, il-prenotazzjoni, is-sistemi tal-ħlas u l-fatturi, l-immaniġġar tal-konnessjonijiet ma' modi oħra ta' trasport u l-produzzjoni ta' dokumenti elettroniċi li jakkompanjaw il-merkanzija.

▼B

2.6. **Ir-rolling stock:**

Is-sistema ta' l-istruttura, l-iggwidar u l-kontroll għat-tagħmir ferrovjarju kollu, l-inġenji tal-ġbid u l-konverżjoni ta' l-enerġija, l-apparat ta' l-aġġanċjament u s-sewqan (il-*bogies*, il-fusien, eċċ) u s-*suspension*, il-bibien, il-*man/machine interfaces* (is-sewwieq, il-persunal t'abbord u l-passiġġieri, inklużi l-bżonnijiet ta' persuni b'mobilità mnaqqsa), l-apparati tas-sigurtà passivi jew attivi u l-ħtiġiet għas-saħħa tal-passiġġieri u tal-persunal t'abbord.,.

2.7. **Il-manutenzjoni:**

Il-proċeduri, it-tagħmir assoċjat, iċ-ċentri tal-loġistika għal xogħol ta' manutenzjoni u riservi li jippermettu l-manutenzjoni mandatorja kollettiva u preventiva biex tiġi assigurata l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja u tiġi garantita l-kwalità meħtieġa.

▼B

ANNESS III

ĦTIĠIJIET ESSENZJALI

1. ĦTIĠIJIET ĠENERALI

1.1. **Sigurtà**

1.1.1. Id-disinn, il-kostruzzjoni jew l-immuntar, il-manutenzjoni u l-monitoraġġ tal-komponenti ta' sigurtà kritika u, b'mod aktar partikolari, tal-komponenti involuti fil-movimenti ferrovjarji għandhom ikunu tali li jiggarantixxu s-sigurtà fil-livell li jikkorrispondi ma' l-għanijiet stabbiliti għan-*network*, inklużi dawk għal sitwazzjonijet speċifiċi degradati.

1.1.2. Il-parametri involuti fil-kuntatt rota/binarju għandhom jilħqu l-ħtiġiet dwar l-istabbiltà meħtieġa biex jiggarantixxu s-sigurtà taċ-ċaqlieq fil-veloċità massima awtorizzata.

1.1.3. Il-komponenti wżati għandhom ikunu jifilħu għal xi strapazzi normali jew eċċezzjonali li jkunu ġew speċifikati matul il-perjodu tagħhom fis-servizz. Ir-riperkussjonijiet tas-sigurtà ta' kwalunkwe mankanza aċċidentali għandhom jiġu limitati b'mezzi approprjati.

1.1.4. Id-disinn ta' stallazzjonijet u *rolling stock* fiss u l-għażla tal-materjal użat għandhom ikunu mmirati biex jillimitaw il-ġenerazzjoni, il-propagazzjoni u l-effetti tan-nar u tad-duħħan f'każ ta' ħruq.

1.1.5. Kwalunkwe apparat maħsub biex jiġi mħaddem mill-utenti għandu jiġi ddisinjat biex ma jfixkilx l-użu bla periklu ta' l-apparati jew is-saħħa u s-sigurtà ta' l-utenti jekk jintuża prevedibbilment f'manjiera skond l-istruzzjonijiet stabbiliti.

1.2 **Affidabilità u disponibilità**

Il-monitoraġġ u l-manutenzjoni tal-komponenti fissi jew mobbli li jkunu involuti fiċ-ċaqliq tal-ferroviji għandhom jiġu organizzati, magħmula u kwantifikati b'tali mod li jkomplu jaħdmu taħt il-kondizzjonijiet maħsuba.

1.3. **Saħħa**

1.3.1.
Il-materjali li x'aktarx, minħabba l-mod ta' kif jintużaw, jikkostitwixxu perikolu għas-saħħa lil dawk li jkollhom aċċess għalihom m'għandhomx jintużaw fil-ferroviji u fl-infrastruttura ferrovjarja.

1.3.2.
Dawn il-materjali għandhom jintgħażlu, jitqiegħdu u jintużaw b'tali mod biex li jrażżnu l-ħruġ ta' dħaħen jew ta' gassijiet li jagħmlu ħsara u perikolużi, partikolarment f'każ ta' ħruq.

1.4. **Il-protezzjoni ta' l-ambjent**

1.4.1.
L-impatt ambjentali tat-twaqqif u t-tħaddim tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea għandu jiġi stmat u kkunsidrat fl-istadju ta' l-iddisinjar tas-sistema skond id-disposizzjonijiet Komunitarji fis-seħħ.

1.4.2.
Il-materjali li jintużaw fil-ferroviji u fl-infrastruttura għandhom jipprevjenu l-ħruġ ta' dħaħen jew gassijiet li jistgħu jkunu noċivi u perikoluż għall-ambjent, partikolarment f'każ ta' ħruq.

1.4.3.
Ir-*rolling stock* u s-sistemi għall-provvista ta' l-enerġija għandhom ikunu ddisinjati u fabbrikati b'tali mod li jkunu elettromanjetikament kompatibbli ma' l-istallazzjonijiet, mat-tagħmir u man-*network* pubbliku jew privat li miegħu jistgħu jinterferixxu.

1.4.4.
It-tħaddim tas-sistema ferrovjarja konvenzjoanli trans-Ewropea għandu jirrispetta r-regolamenti eżistenti fuq l-inkwinament bil-ħoss.

▼B

1.4.5.
It-tħaddim tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea m'għandux iwassal għal livell inammissibbli ta' vibrazzjonijiet ta' l-art fl-attivitajiet u z-zoni viċin l-infrastruttura u fi stat normali ta' manutenzjoni.

1.5. **Kompatibilità teknika**

Il-karatteristiċi ta' l-infrastruttura u l-installazzjonijiet fissi għandhom ikunu kompatibbli ma' xulxin u ma dawk tal-ferroviji li għandhom jintużaw fis-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

Jekk il-konformità ma' dawn il-karatteristiċi tkun diffiċli f'ċerti taqsimiet tan-*network*, soluzzjonijet temporanji, li jiżguraw kompatibilità fil-futur, għandhom jiġu implimentati.

2. ĦTIĠIET SPEĊIFIĊI GĦAL KULL SUBSISTEMA

2.1. **Infrastruttura**

2.1.1. Sigurtà

Passi approprjati li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu l-aċċess jew id-dħul mhux mixtieq fl-installazzjonijiet.

Passi għandhom jittieħdu biex jiġi limitat il-perikolu li għalih il-persuni jiġu esposti, partikolarment meta l-ferroviji jgħaddu mill-istazzjonijet.

L-infrastruttura li għaliha l-pubbliku jkollu aċċess għandha tkun iddisinjata u magħmula b'tali mod li tillimita kwalunkwe perikolu għas-sigurtà umana (l-istabbiltà, il-ħruq, l-aċċess, l-evakwazzjoni, il-pjattaformi, eċċ.).

Disposizzjonijiet approprjati għandhom jiġu stabbiliti biex iqisu l-kondizzjonijiet partikolari tas-sigurtà fil-mini twal ħafna.

2.2. **Enerġija**

2.2.1. Sigurtà

It-tħaddim tas-sistemi li jfornu l-enerġija m'għandux jimpedixxi s-sigurtà kemm tal-ferroviji kif ukoll tal-persuni (l-utenti, il-persunal operattiv, ir-residenti ta' ħdejn il-binarji u l-partijiet terzi).

2.2.2. Protezzjoni ambjentali

Il-funzjonament tas-sistemi li jfornu l-enerġija elettrika jew termali m'għandhomx ibagħbsu fl-ambjent lilhinn mil-limiti speċifikati.

2.2.3. Kompatibilità teknika

Is-sistema tal-forniment ta' l-enerġija elettrika/termali wżata għandha:

— tagħmilha possibbli li l-ferroviji jilħqu l-livelli speċifikati dwar l-operat;

— fil-każ ta' sistemi għall-forniment ta' l-enerġija elettrika, dawn għandhom ikunu kompatibbli ma' l-apparati tal-kollezzjoni li jkunu mmuntati fuq il-ferroviji.

2.3. **Il-kontroll u l-iggwidar u s-senjalazzjoni**

2.3.1. Sigurtà

L-istallazzjonijet tal-kontroll u l-iggwidar tas-senjaletika u l-proċeduri wżati għandhom jagħmluha possibbli li l-ferroviji jivvjaġġaw b'livell ta' sigurtà li tikkorrispondi ma' l-oġġettivi stabbiliti għan-*network*. Is-sistemi tal-kontroll u l-iggwidar u s-senjalazzjoni għandhom ikomplu jipprovdu għal transitu bla periklu ta' ferroviji permessi biex jaħdmu taħt kondizzjonijet menomati.

▼B

2.3.2. Kompatibilità teknika

L-infrastruttura l-ġdida kollha u r-*rolling stock* ġdid fabbrikat jew żviluppat wara l-adozzjoni tas-sistemi kompatibbli tal-kontroll u l-iggwidar u s-s-senjaletika għandhom jiġu adattati apposta għall-użu f'dawk is-sistemi.

It-tagħmir tal-kontroll u l-iggwidar u s-senjaletika stallat fil-gabina tax-xufiera tal-ferroviji għandhom jippermettu operat normali, taħt kondizzjonijiet speċifiċi, matul is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

2.4. **Rolling stock**

2.4.1. Sigurtà

L-istruttura tar-*rolling stock* u ta' l-aggančjamenti bejn il-vetturi għandha tkun iddisinjata b'tali mod li tipproteġi l-passiġġieri u l-kompartimenti tas-sewqan fil-każ ta' kolliżjoni jew dirottament.

It-tagħmir elettriku m'għandux idgħajjef is-sigurtà u l-funzjonament ta' l-istallazzjonijet tal-kontroll u l-iggwidar u s-sinjalazzjoni.

It-tekniċi tal-brejkijiet u l-istrapazzi eżerċitati għandhom ikunu kompatibbli mad-disinn tal-binarji, l-istrutturi ta' l-inġinerija u s-sistemi tas-senjaletika.

Passi għandhom jittieħdu biex jiġi evitat aċċess għal kostitwenti mnejn ikun għaddej il-kurrent elettriku biex ma tiġix ipperikolata s-sigurtà tal-persuni.

Fil-każ ta' perikolu, apparati għandhom jagħmluha possibbli li l-passiġġieri jinfurmaw lix-xufier u lil persunal li jkollu miegħu ħalli jikkuntattjawh.

Il-bibien ta' l-aċċess għandhom jinkorporaw sistema ta' ftuħ u għeluq li tiggarantixxi s-sigurtà tal-passiġġieri.

Il-ħruġ ta' emerġenza għandu jiġi pprovdut u indikat.

Disposizzjonijiet approprjati għandhom jiġu stabbiliti biex iqisu l-kondizzjonijet partikolari tas-sigurtà f'mini twal ħafna.

Sistema ta' dawl ta' emerġenza ta' intensità u durata suffiċjenti hija obbligatorja abbord il-ferroviji.

Il-ferroviji għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' komunikazzjoni pubblika li tipprovdi mezz ta' komunikazzjoni għan-nies mill-persunal t'abbord u mill-kontroll ta' l-art.

2.4.2. Affidabilità u disponibilità

Id-disinn tat-tagħmir vitali, tat-tagħmir tas-sewqan, tal-ġbid u ta' l-ibbrejkjar u tas-sistema tal-kontroll u l-iggwidar għandhom ikunu tali li jagħmluha possibbli li l-ferrovija tkompli miexja, f'sitwazzjoni menomata speċifika mingħajr konsegwenzi ħżiena fuq it-tagħmir li jkun baqa' jaħdem.

2.4.3. Kompatibilità teknika

It-tagħmir ta' l-elettriku għandu jkun kompatibbli ma' l-operat ta' l-istallazzjonijet tal-kontroll u l-iggwidar u tas-senjaletika.

Fil-każ ta' ġbid bl-elettriku, il-karatteristiċi ta' l-apparati li jiġbru l-kurrent għandhom ikunu tali li jagħmluha possibbli biex il-ferroviji jivvjaġġaw bis-sistemi tal-forniment ta' l-enerġija għas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea.

Il-karatteristiċi tar-*rolling stock* għandhom ikunu tali li jippermettulhom jivvjaġġaw fuq kwalunkwe linja li fuqha jkunu mistennija li joperaw.

▼M1

2.4.4. Kontrolli

Treni għandhom ikunu mgħammra bi strument li jirreġistra. L-informazzjoni miġbura b'dan l-istrument u l-proċessar ta' l-informazzjoni għandhom jiġu armonizzati.

▼B

2.5. **Manutenzjoni**

2.5.1. Saħħa u Sigurtà

L-istallazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri wżati fiċ-ċentri għandhom jassiguraw li s-sigurtà ta' l-operat tas-subsistema ma tkunx tikkostitwixxi perikolu għas-saħħa u għas-sigurtà.

2.5.2. Protezzjoni ambjentali

L-istallazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri wżati fiċ-ċentri tal-manutenzjoni m'għandhomx jeċċedu l-livelli permissibbli ta' inkonvenjent fir-rigward ta' l-ambjent tal-madwar.

2.5.3. Kompatibilità teknika

L-istallazzjonijiet tal-manutenzjoni għar-*rolling stock* konvenzjonali għandhom ikunu tali li jagħmluha possibbli li jsiru operazzjonijiet għas-sigurtà, għas-saħħa u għall-kumdità fuq l-i*stock* kollu li għalih ikunu ġew iddisinjati.

2.6. **Maniġġar u operat tat-traffiku**

2.6.1. Sigurtà

L-allinjmanet tar-regoli tat-tħaddim tan-*network* u l-kwalifiċi tax-xufiera u tal-persunal t'abbord u tal-persunal fiċ-ċentri tal-kontroll għandu jkun tali li jassigura s-sigurtà ta' l-operat, waqt li wieħed iżomm quddiem għajnejh id-diversi ħtiġiet tas-servizzi transkonfinanti u dawk domestiċi.

L-operazzjonijiet u l-intervalli tal-manutenzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiċi tal-persunal tal-manutenzjoni u taċ-ċentri tal-kontroll u s-sistema ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità stabbilita mill-operaturi konċernati fiċ-ċentri tal-manutenzjoni u l-kontroll għandhom ikunu tali li jassiguraw livell għoli ta' sigurtà.

2.6.2. Affidabilità u disponibilità

L-operazzjonijiet u l-perjodi tal-manutenzjoni, it-taħriġ u l-kwalifiċi tal-persunal taċ-ċentri tal-manutenzjoni u tal-kontroll u s-sistema ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità stabbilita mill-operaturi konċernati fiċ-ċentri tal-manutenzjoni u tal-kontroll għandhom ikunu tali li jassiguraw livell għoli fl-affidabilità u d-disponibilità tas-sistema.

2.6.3. Kompatibilità teknika

L-allinjament tar-regoli tat-tħaddim tan-*network* u l-kwalifiċi tax-xufiera, tal-persunal t'abbord u tal-kontrolluri tat-traffiku għandu jkun tali li jassigura l-effiċjenza ta' l-operat tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, waqt li wieħed iżomm quddiem għajnejh id-diversi ħtiġiet tas-servizzi transkonfinanti u domestiċi.

2.7. **Applikazzjonijet telematiċi għall-merkanzija u l-passiġġieri**

2.7.1. Kompatibilità teknika

Il-ħtiġiet essenzjali għall-applikazzjonijet telematiċi jiggarantixxu l-kwalità minima tas-servizz għall-passiġġieri u t-trasportaturi tal-merkanzija, partikolarment f'termini ta' kompatibilità teknika.

Passi għandhom jittieħdu biex jiżguraw:

— li d-*databases*, is-*software* u l-protokolli tal-komunikazzjoni tad-*data* jiġu żviluppati b'mod li jippermettu l-massimu ta' l-iskambji tad-*data* bejn id-diversi applikazzjonijet u operaturi, eskluża d-*data* kummerċjali konfidenzjali;

— aċċess faċli ta' l-informazzjoni għall-utenti.

2.7.2. Affidabilità u disponibilità

Il-metodi dwar kif jintużaw, jiġu maniġġati, aġġornati u miżmuma dawn id-*databases*, is-*software* u l-protokolli tal-komunikazzjoni tad-*data* għandhom jiggarantixxu l-effiċjenza ta' dawn is-subsistemi u l-kwalità tas-servizz.

▼B

2.7.3. Saħħa

Il-konġunzjonijiet bejn is-sistemi u l-utenti għandhom jikkonformaw mar-regoli minimi ta' l-ergonomija u l-protezzjoni tas-saħħa.

2.7.4. Sigurtà

Livelli approprjati ta' integrità u affidabilità għandhom jiġu provduti għall-ħażna jew it-transmissjoni ta' informazzjoni relatata mas-sigurtà.

▼B

ANNESS IV

KONFORMITÀ U IDONEITÀ GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI TA' L-INTEROPERABILITÀ

1. KOSTITWENTI TA' L-INTEROPERABILITÀ

Id-dikjarazzjoni "KE" tgħodd għall-kostitwenti ta' l-interoperabilità involuti fl-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea, kif imsemmija fl-Artikolu 3. Dawn il-kostitwenti ta' l-interoperabilità jistgħu jkunu:

1.1. **Kostitwenti b'ħafna użi**

Dawn huma kostitwenti mhux speċifiċi għas-sistema ferrovjarja u li jistgħu jintużaw bħala tali f'oqsma oħra.

1.2. **Kostitwenti b'ħafna użi li jkollhom karatteristiċi speċifiċi**

Dawn huma kostitwenti li m'humiex, bħala tali, speċifiċi għas-sistema ferrovjarja, imma għandhom juru livelli speċifiċi ta' funzjonjament meta jintużaw għal skopijiet ferrovjarji.

1.3. **Kostitwenti speċifiċi**

Dawn huma kostitwenti li huma speċifiċi għall-applikazzjonijiet ferrovjarji.

2. AMBITU

Id-dikjarazzjoni "KE" tkopri:

— jew l-istima minn korp jew korpi notifikati dwar il-konformità intrinsika ta' kostitwent ta' l-interoperabilità, ikkonsidrata weħidha, għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jintlaħqu;

— inkella l-istima/il-ġudizzju minn korp jew korpi notifikati dwar l-idoneità għall-użu ta' kostitwent ta' l-interoperabilità, ikkonsidrat fl-ambjent ferrovjarju tiegħu u, f'każijiet partikolari fejn il-konġunzjonijiet involuti, f'relazzjoni ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, partikolarment dawk ta' natura funzjonali, li għandhom jiġu ċċekkjati.

Il-proċeduri ta' l-istima implimentati mill-korpi nnotifikati fl-istadju tad-disinn u l-produzzjoni għandhom jiddependu fuq il-moduli definiti fid-Deċiżjoni 93/465/KEE, skond il-kondizzjonijiet imsemmija fit-*TSIs*.

3. KONTENUT TAD-DIKJARAZZJONI "KE"

Id-dikjarazzjoni "KE" dwar il-konformità jew l-idoneità għall-użu u d-dokument li jmur magħha għandhom ikunu datati u ffirmati.

Id-dikjarazzjoni għandha tinkiteb bl-istess lingwa ta' l-istruzzjonijet u għandu jkun fiha dan li ġej:

— ir-referenzi tad-Direttivi;

— l-isem u l-indirizz tal-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità (aġħti l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ, fil-każ ta' rappreżentant awtorizzat, aġħti wkoll l-isem tan-negozju tal-fabbrikant jew tal-kostruttur);

— id-deskrizzjoni tal-kostitwent ta' l-interoperabilità (l-għamla, it-tip, eċċ.);

— id-deskrizzjoni tal-proċedura segwita biex ġiet iddikjarata l-konformità jew l-idoneità għall-użu (l-Artikolu 13);

— id-diskrizzjoniet rilevanti milħuqa mill-kostitwent ta' l-interoperabilità u, b'mod partikolari, il-kondizzjonijiet tiegħu għall-użu;

— l-isem u l-indirizz tal-korp jew il-korpi notifikati involuti fil-proċedura segwiti fir-rigward tal-konformità jew l-idoneità għall-użu u d-data taċ-ċertifikat ta' l-eżami flimkien ma', fejn ikun approprjat, id-durata u l-kondizzjoniet tal-validità taċ-ċertifikat;

— Fejn ikun approprjat, ir-referenza għall-ispeċifiċi Ewropej;

▼B

— l-identifikazzjoni tal-firmatarju li għandu s-setgħa biex jidħol f'obbligi f'isem il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant stabbilit fil-Komunità.

▼B

ANNESS V

DIKJARAZZJONI TAL-VERIFIKA TAS-SUBSISTEMI

Id-dikjarazzjoni tal-verifika "KE" u d-dokumenti li jmorru magħha għandhom ikunu datati u ffirmati.

Id-dikjarazzjoni għandha tinkiteb bl-istess lingwa tal-fajl tekniku u għandu jkollha fiha dan li ġej:

— ir-referenzi tad-Direttivi;

— l-isem u l-indirizz ta' l-entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha stabbilit fil-Komunità (agħti l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ; fil-każ ta' rappreżentant awtorizzat, agħti wkoll l-isem tan-negozju ta' l-entità kontraenti);

— deskrizzjoni qasira tas-subsistema;

— l-isem u l-indirizz tal-korp notifikat li jkun għamel il-verifika "KE" msemmija fl-Artikolu 18;

— ir-referenzi tad-dokumenti li jinsabu fil-fajl tekniku;

— id-disposizzjonijiet kollha rilevanti temporanji jew definittivi li għandhom jitħarsu mis-subsistemi u b'mod partikolari, fejn ikun approprjat, kwalunkwe restrizzjoni jew kondizzjoni fuq l-operat;

— jekk tkun temporanja: id-durata tal-validità tad-dikjarazzjoni "KE";

— l-identità tal-firmatarju.

▼M2

ANNESS VI

PROĊEDURA TA' VERIFIKA GĦAS-SOTTOSISTEMI

1. ID-DAĦLA

Il-verifika 'KE' hija l-proċedura li biha korp innotifikat jivverifika u jiċċertifika li sottosistema:

— tkun konformi mad-Direttiva;

— tkun konformi mar-regolamenti l-oħra li jirriżultaw mit-Trattat, u li tkun tista' titwettaq.

2. L-ISTADJI

Is-sottosistema tiġi ċċekkjata f'kull waħda minn dawn l-istadji li ġejjin:

— id-disinn globali;

— il-produzzjoni: il-kostruzzjoni tas-sottosistema, li tinkludi, pereżempju, l-attivitajiet ta' l-inġinerija ċivili, il-manifattura, l-immuntar tal-kostitwenti, l-aġġustament globali;

— l-ittestjar finali tas-sottosistema.

Għall-fażi tad-disinn (li tinkludi t-testijiet tat-tip) u għall-fażi tal-produzzjoni, il-kuntrattur prinċipali (jew il-manifattur) jew r-rappreżentant awtorizzat stabbilit fi ħdan il-Komunità, bħala l-ewwel pass, jista' japplika għal analiżi.

F'dan il-każ, din (dawn) l-analiżi jwasslu għad-dikjarazzjoni(jiet) ta' verifika intermedjarja(i) (ISV) maħruġa mill-Korp Notifikat magħżul mill-kuntrattur prinċipali (jew il-manifattur). Dan min-naħa tiegħu jħejji 'Dikjarazzjoni tal-KE dwar il-konformità mas-sottosistema intermedjarja' għall-fażi(jiet) rilevanti.

3. IĊ-ĊERTIFIKAT

Il-Korp Notifikat responsabbli għall-verifika 'KE' jħejji ċ-ċertfikat ta' verifika maħsub għall-entità għall-parti kontraenti jew għar-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fi ħdan il-Komunità, li min-naħa tagħha tfassal id-dikjarazzjoni tal-'KE' maħsuba għall-awtorità superviżorja fl-Istat Membru li fih tinsab u/jew topera s-sottosistema.

Il-Korp Notifikat responsabbli għall-verifika tal-'KE' janalizza d-disinn u l-produzzjoni tas-sottosistema.

Jekk ikun disponibbli, il-Korp Notifikat iqis 'Id-Dikjarazzjonijiet ta' Verifika Intermedjarji' - ISV(s) -, u, sabiex joħroġ iċ-ċertifikat ta' verifika tal-KE, huwa:

— Jivverifika li s-sottosistema

  — hija koperta mill-ISVs rilevanti tad-disinn u tal-produzzjoni mwassla għand il-kuntrattur prinċipali (jew il-manifattur), jekk tkun talbet lill-Korp Notifikat għal dawn iż-żewġ fażijiet,

  — jew tikkorrispondi li ġiet prodotta skond l-aspetti kollha koperti mid-disinn ISV imwassal għand il-kuntrattur (jew il-manifattur) prinċipali jekk tkun talbet lill-Korp Notifikat biss għall-fażi ta' l-ippjanar;

— Jivverifika li huma jkopru sewwa l-ħtiġijiet tat-TSI u tanalizza l-elementi ta' l-ippjanar u tal-produzzjoni li mhumiex koperti mill-ISV(s) ta' l-ippjanar u/jew tal-produzzjoni mwassla għand il-kuntrattur (jew il-manifattur) prinċipali.

4. IL-FAJL TEKNIKU

Il-fajl tekniku li jakkumpanja d-dikjarazzjoni tal-verifika għandu jkun ikun kompost kif ġej:

— għall-infrastruttura: il-pjanti ta' l-inġinerija strutturali, ir-reġistri ta' approvazzjoni għat-tħaffir u l-infurzar, ir-rapporti ta' l-ittestjar u ta' spezzjoni dwar il-konkrit eċċ;

▼M2

— għas-sottosistemi l-oħra: id-disinji ġenerali u dettaljati konformi ma' l-eżekuzzjoni, id-dijagrammi elettriċi u idrawliċi, id-dijagrammi ta' ċirkuwiti kontrollati, id-deskrizzjoni ta' sistemi għall-ipproċessar ta' *data* u sistemi awtomatiċi, manwali dwar l-operat u l-manutenzjoni, eċċ.;

— fis-sottosistema għandha tiġi inkorporata lista tal-kostitwenti ta' l-interoperabilità, kif imsemmi fl-Artikolu 3;

— iridu jkunu provduti l-kopji tad-dikjarazzjonijiet tal-'KE' dwar il-konformità jew l-adegwatezza għall-użu li bihom il-kostitwenti msemmija hawn fuq iridu jkunu provduti skond l-Artikolu 13 tad-Direttiva akkumpanjati, fejn xieraq, min-noti ta' kalkolu u kopja tar-reġistri tat-testijiet u l-eżaminazzjonijiet li jsiru mill-korpi notifikati fuq il-bażi ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

— jekk ikunu disponibbli, id-dikjarazzjoni(jiet) intermedjarji ta' verifika (ISV) u, f'tali każ, id-dikjarazzjoni(jiet) tal-KE tal-konformità tas-sottosistema intermedjarja, li jakkumpanjaw iċ-ċertfikat KE tal-verifika, li jinkludi r-riżultat ta' verifika mill-Korp Notifikat tal-validità tagħhom;

— ċertifikat mill-Korp Notifikat responsabbli għall-verifika tal-'KE', akkumpanjat min-noti ta' kalkolu li jikkorrispondu u kontrofirmati minnu, jiddikjara li l-proġett huwa konformi ma' din id-Direttiva u jsemmi kwalunkwe riżerva reġistrata matul il-prestazzjoni ta' l-attivitajiet u mhux irtirati; iċ-ċertifikat għandu jkun akkumpanjat ukoll mir-rapporti ta' spezzjoni u verifika li jkunu saru mill-istess korp in konnessjoni mal-ħidma tiegħu, kif speċifikat f'sezzjonijiet 5.3 u 5.4.

5. IL-MONITORAĠĠ

5.1. L-għan tal-monitoraġġ tal-'KE' huwa li jiżgura illi matul il-produzzjoni tas-sottosistema, l-obbligi li jirriżultaw mill-fajl tekniku jiġu milqugħa.

5.2. Il-Korp Notifikat responsabbli biex jiċċekkja l-produzzjoni għandu jkollu aċċess permanenti għas-siti ta' bini, is-siti tal-produzzjoni, iż-żoni ta' ħżin u, fejn jixraq, il-faċilitajiet tal-prefabbrikazzjoni u ta' l-ittestjar u, b'mod aktar ġenerali, għall-postijiet kollha li huwa jqis li huma meħtieġa għall-ħidma tiegħu. L-entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha fi ħdan il-Komunità għandha tibgħat jew tara li jintbagħtulha d-dokumenti kollha neċessarji għal dak l-għan u, partikolarment, il-pjanijiet ta' implimentazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika dwar is-sottosistema.

5.3. Il-Korp Notifikat responsabbli biex jiċċekkja l-implimentazzjoni perjodikament għandu jwettaq verifiki sabiex jikkonferma li hemm konformità mad-Direttiva. Irid Jipprovdi rapport ta' verifika lil dawk responsabbli mill-implimentazzjoni. Jista' jirrikjedi li jkun preżenti f'ċerti stadji ta' l-operazzjonijiet tal-bini.

5.4. Barra dan, il-Korp Notifikat jista' jżur għall-għarrieda s-sit tax-xogħol jew is-siti tal-produzzjoni. Waqt tali żjarat, il-Korp Notifikat jista' jwettaq verifiki kompleti jew parzjali. Irid jipprovdi rapport ta' spezzjoni u, fejn jixraq, rapport ta' verifika lil dawk responsabbli mill-implimentazzjoni.

6. IS-SOTTOMISSJONI

Il-fajl komplet imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jiġi ddepożitat għand l-entità kontraenti jew l-aġent awtorizzat tagħha stabbilit fi ħdan il-Komunità b'appoġġ għaċ-ċertifikat tal-verifika maħruġ mill-Korp Notifikat responsabbli għall-verifika tas-sottosistema funzjonabbli. Il-fajl għandu jiġi mehmuż mad-dikjarazzjoni tal-verifika 'KE' li l-entità kontraenti tibgħat lill-awtorità superviżorja fl-Istat Membru kkonċernat.

Għandha tinżamm kopja tal-fajl mill-entità kontraenti matul il-ħajja tas-servizz tas-sottosistema. Għandha tintbagħat lil kwalunkwe Stati Membri li jitolbuha.

7. IL-PUBBLIKAZZJONI

Kull Korp Notifikat perjodikament għandu jippubblika l-informazzjoni rilevanti dwar:

— it-talbiet għall-verifiki 'KE' li jkun irċieva

— id-dikjarazzjonijiet intermedjarji ta' verifika (ISVs) maħruġa jew rifjutati

— iċ-ċertifikati ta' verifika maħruġa jew rifjutati.

▼**M2**

8. IL-LINGWA

Il-fajls u l-korrispondenza dwar il-proċeduri ta' verifika 'KE' għandhom jinkitbu f'lingwa uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih hija stabbilita l-entità kontraenti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha fi ħdan il-Komunità, jew inkella f'lingwa aċċettata mill-entità.

▼B

ANNESS VII

KRITERJI MINIMI LI GĦANDHOM JITQIESU MILL-ISTATI MEMBRI META JINNOTIFIKAW LILL-KORPI

1. Il-korp, id-direttur tiegħu u l-persunal responsabbli għat-twettiq tal-verifiki ma jistgħux jiġu involuti, jew direttament jew bħala rappreżentanti awtorizzati, fid-disinn, fil-fabbrikazzjoni, fil-kostruzzjoni, fil-*marketing* jew fil-manutenzjoni tal-kostitwenti jew tas-subsistemi ta' l-interoperabilità kif ukoll fl-użu tagħhom. Dan ma jeskludix il-possibiltà ta' skambju ta' informazzjoni bejn il-fabbrikant jew il-kostruttur u dak l-korp.

2. Il-korp jew il-persunal responsabbli għall-verifiki għandu jagħmel il-verifiki bl-akbar integrità persunali possibbli u bl-ikbar kompetenza teknika u għandu jkun ħieles minn xi pressjoni u inċentiva, b'mod partikolari ta' tip finanzjarju, li jistgħu jeffetwaw il-ġudizzju tiegħu jew ir-riżultati ta' l-ispezzjoni tagħhom, b'mod partikolari minn persuni jew gruppi effettwati mir-riżultati tal-verifiki.

▼M1

B'mod partikolari, il-korp u l-persunal responsabbli għall-kontrolli għandhom ikunu funzjonalment indipendenti mill-awtoritajiet nominati biex joħorġu awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-servizz fil-qafas ta' din id-Direttiva, liċenzi fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 dwar il-liċenzar ta' impriżi ta' ferroviji [1] u ċertifikati ta' sigurtà fil-qafas tad-Direttiva 2004/49/KE, u tal-korpi nkarigati mill-investigazzjonijiet fil-każ ta' aċċidenti.

▼B

3. Il-korp għandu jimpjega l-persunal u jkollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq b'mod adegwat il-ħidmiet tekniċi u amministrattivi marbuta mal-verifiki; dan għandu wkoll ikollu aċċess għat-tagħmir meħtieġ għal verifiki eċċezzjonali.

4. Il-persunal responsabbli għall-verifiki għandu jkollhom:

   — taħriġ tekniku u professjonali adattat;

   — għarfien sodisfaċenti tal-ħtiġiet relatati mal-verifiki li huma jwettqu u prattika suffiċjenti f'dawk il-verifiki;

   — l-abbilità biex jagħmlu ċertifikati, rekords u rapporti li jikkostitwixxu r-rekord formali ta' l-ispezzjonijet li jkunu saru.

5. L-indipendenza tal-persunal responsabbli għall-verifiki għandha tkun garantita. Ebda uffiċjal m'għandu jkun remunerat fuq il-bażi tal-verifiki li jkunu saru jew tar-riżultati ta' dawk il-verifiki.

6. Il-korp għandu jieħu assigurazzjoni b'obbligazzjoni ċivili sakemm dik l-obbligazzjoni ma tkunx koperta mill-Istat taħt il-liġi nazzjonali jew sakemm il-verifiki jitwettqu direttament mill-Istat Membru.

7. Il-persunal tal-korp huma marbuta bis-sigriet professjonali fir-rigward ta' dak kollu li jsiru jafu waqt il-qadi ta' dmirijiethom (bl-eċċezzjoni ta' l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti fl-Istat li fih huma jwettqu dawk l-attivitajiet) skond din id-direttiva jew kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li timplimenta d-Direttiva.

▼M1

———————

[1] ĠU L 143, 27.06.1995, p. 70. Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, 15.3.2001, p. 26).